MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta’ Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 91/2020 LM

**BirdLife Malta (VO No. 052), Moviment Graffitti (VO No. 126), Din l-Art Ħelwa (VO No. 008), Friends of the Earth Malta (VO No. 091), u Dr Edward Mallia (K.I. 776939M)**
*(‘l-appellanti’)*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Birdlife Malta (VO No. 052), Moviment Graffiti (VO No. 126), Din l-Art Ħelwa (VO No. 008),** u **Friends of the Earth Malta (VO No. 091)**, hawnhekk ‘l-appellanti’, minn sentenza tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva (minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’), tal-25 ta’

Jannar, 2022 (minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'), li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrenti u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [hawnhekk 'l-appellata'] fuq il-mertu.

**Fatti**

2. Ir-retroxena għal dan l-appell kienet deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tidħol fi ftehim ta' konċessjoni għall-użu u l-ġestjoni ta' meded estensivi ta' art fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK), liema ftehim sar permezz ta' skrittura privata li ġiet mgħarrfa lill-pubbliku permezz ta' konferenza stampa tad-9 ta' Ottubru, 2020. Permezz ta' dan il-ftehim, l-Awtorità tal-Artijiet tat konċessjoni ta' miljun u nofs metru kwadru (1,500,000 m.k.) ta' art fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa [minn issa 'is-siti'], liema siti jinkludu żoni protetti taħt il-Liġi Maltija u dik Ewropea, lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (l-FKNK). Permezz ta' din il-konċessjoni, l-FKNK ingħatat id-dritt li għal matul id-disa' xhur tal-istaġun tal-kaċċa, il-pubbliku jkun eskluż minn dawn iż-żoni, għajr għal xi postijiet fejn jistgħu jsiru *picnics* żgħar. Ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li minbarra li l-pubbliku ma jkunx jista' jaċċedi u jgawdi ż-żoni li ngħataw bl-imsemmija konċessjoni, il-pubbliku u l-għaqdiet ambjentalisti mhumiex ser ikunu f'qagħda li jassiguraw li d-diversi illegalitajiet li jiġu kommessi jiġu kkontrollati, partikolarment dawk li jikkostitwixxu theddida għall-ispeċi protetti u għall-flora naturali.

**Mertu**

3. Fir-rikors tagħhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti għamlu riferiment għall-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-

Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (l-FKNK), li permezz tiegħu l-Awtorità tal-Artijiet iddisponiet u afdat il-ġestjoni ta' meded kbar ta' art fl-Aħrax tal-Mellieħa u fil-Miżieb lill-FKNK, bir-riżultat li l-aċċess liberu tal-pubbliku għal dawn is-siti ser ikun imxekkel. Ir-rikorrenti spjegaw li huma jirrappreżentaw għaqdiet, entitajiet u individwi li għandhom l-oġġettiv li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali, li jħarsu s-saħħa taċ-ċittadini, l-aċċess pubbliku għal spazji miftuħa, kif ukoll il-ħarsien tal-liġijiet u l-governanza tajba. Qalu li fis-7 ta' Ottubru, 2020, fil-mezzi tal-istampa dehru rapporti li meded kbar ta' art fl-Aħrax tal-Mellieħa u l-Miżieb kienu ser jingħataw lill-FKNK mill-Awtorità tal-Artijiet b'xi forma ta' qbil jew konċessjoni, u li l-FKNK saħansitra ħarġet invit lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex il-kunsilliera jattendu għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet. Qalu wkoll li permezz ta' kummenti li ngħataw lill-mezzi tal-istampa mill-Ministru kkonċernat, ġie stabbilit li waqt l-istaġun tal-kaċċa, il-familji ma jkunux jistgħu jidħlu f'dawn iż-żoni, iżda li l-Ministru naqas milli jispjega li effettivament hemm disa' xhur ta' kaċċa tul is-sena, u għalhekk persuni li mhumiex kaċċaturi ser jiġu mċaħħda mid-dritt li jgawdu l-kampanja liberament, ampjament u mingħajr intimidazzjoni, xkiel jew ħlas għal dan it-tul ta' żmien. Ir-rikorrenti qalu wkoll li fid-9 ta' Ottubru, 2020 ippreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità intimata sabiex din ma tidħol fl-ebda ftehim bħal dan mingħajr il-ħarsien tal-provvedimenti tal-liġi u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet ta' terzi. Komplew jgħidu li minkejja dan, l-Awtorità tal-Artijiet bidlet id-data tal-iffirmar tal-ftehim mal-FKNK u ressqet 'il quddiem l-iffirmar tal-ftehim għad-9 ta' Ottubru, 2020. Qalu li dakinhar il-ftehim ġie ffirmat fil-magħluq, mingħajr il-preżenza tal-mezzi tal-istampa u mingħajr ma saret 'press

call', u ġie ffirmat wkoll *Memorandum of Understanding* bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Ippjanar u Tibdil fil-Klima, l-Awtorità tar-Riżorsi u tal-Ambjent u l-FKNK, għall-ġestjoni u proġetti tal-FKNK fuq is-siti tal-Aħrax u l-Miżieb, li skont ir-rikorrenti kien jirreferi b'mod vag u neboluż. Ir-rikorrenti komplew jgħidu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tagħti konċessjoni bħal din lill-FKNK saret b'mod unilaterali, b'mod mhux trasparenti u bil-moħbi, u d-*disposal* tal-imsemmija art pubblika sar b'mod arbitrarju, u mingħajr l-osservanza ta' kriterji oġġettivi stipulati fil-liġi. Qalu li dan huwa trasferiment ta' art *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, imma dan it-trasferiment ma sarx skont id-disposizzjonijiet tal-istess liġi u l-proċedura hemm stabbilita. Ir-rikorrenti spjegaw li l-imsemmi ftehim ta' trasferiment ma sarx wara sejħa għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, jew wara avviż ta' trasferiment b'irkant, jew skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati, jew skont waħda mill-forom kif stipulat fl-istess artikolu. Qalu li dan it-trasferiment lanqas ma kien suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut kif trid il-liġi. Żiedu jgħidu li l-FKNK iffirmat ftehim għall-ġestjoni u l-immaniġġjar ta' dawn is-siti fl-Aħrax u l-Mellieħa, iżda fil-fatt dan huwa ftehim ta' trasferiment, b'tali mod li jista' jingħad li l-Awtorità tal-Artijiet għamlet simulazzjoni ta' ftehim, għaliex il-ftehim għandu sinifikat apparenti divers minn dak li huwa fir-realtà. Ir-rikorrenti qalu li l-kuntratt huwa wieħed ta' trasferiment u mhux ta' ġestjoni jew operazzjoni, u għalhekk il-kuntratt għandu jiġi annullat.

4. Ir-rikorrenti qalu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tittrasferixxi u tafda l-ġestjoni tas-siti skont il-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u li saret għal għanijiet mhux xierqa. Żiedu jgħidu li ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet

proċedurali mandatorji kemm fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni biex jiġi ffirmat il-ftehim, kif ukoll fl-istess ftehim u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar l-istess ftehim. Ir-rikorrenti komplew jgħidu li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet dwar it-trasferiment u l-għoti tal-ġestjoni tal-imsemmija siti lill-FKNK saru b'mod singulari, mingħajr skrutinju, evalwazzjoni u konsiderazzjonijiet meħtieġa qabel ingħataw meded estensivi ta' art pubblika lil entitajiet privati, b'mod li ser tiġi ristretta t-tgawdija libera ta' dawn l-artijiet mill-pubbliku għal żmien twil matul is-sena. Komplew jgħidu li l-mod kif sar dan it-trasferiment jikkontrasta bil-kbir mal-mod kif jiġu pproċessati talbiet oħra għat-trasferiment ta' art pubblika minn individwi, għaqdiet u persuni oħrajn, u għalhekk l-Awtorità intimata qegħda timxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Qalu wkoll li f'dan il-każ l-Awtorità intimata imponiet ħlas irriżorju ta' €200 fis-sena għal kull sit, meta dawn huma żoni estensivi li ser jintużaw minn entità privata, li ser ixxekkel u tirrestrinġi t-tgawdija ħielsa ta' art pubblika għall-membri tal-pubbliku li mhumiex membri tal-FKNK. Ir-rikorrenti qalu li dan huwa korrispettiv miżeru li ser ifisser telf kbir ta' fondi pubbliċi, li jistgħu jintefqu għal għanijiet ambjentali u soċjali.

5. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li s-siti milquta b'dan il-ftehim huma Żoni Kostali kif murijin fil-Pjan Strateġiku għal Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), li huma suġġetti għall-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention,* u għalhekk Malta għandha l-obbligu li tikkonforma mal-obbligi imposti fuq il-firmatarji ta' dan il-Protokoll. Huma komplew jgħidu li partijiet mill-Aħrax u l-Miżieb huma Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni, u għalhekk jaqgħu taħt ir-reġim ambjentali għas-siti magħrufin bħala Natura 2000 skont id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea (il-*Habitats Directive* u l-*Birds Directive*). Ir-

rikorrenti qalu li għar-rigward ta' żoni li huma ekoloġikament sensittivi, jridu jiġu segwiti l-pjanijiet ta' ġestjoni applikabbli, kif ukoll għandhom isiru ċerti studji mandatorji u konsultazzjoni pubblika qabel jiġu varati l-pjani jew proġetti f'żoni speċjali ta' konservazzjoni. Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità intimata lanqas biss ħadet konjizzjoni tar-rekwiżiti mandatorji jew iġġustifikat dawn id-diverġenzi mid-dettami tal-liġi. Qalu li minflok l-Awtorità intimata ppremjat lill-FKNK bi ftehim daqstant ġeneruż, waqt li injorat il-ħafna prattiki u strutturi illegali li twettqu tul is-snin mill-membri tal-istess organizzazzjoni. Ir-rikorrenti spjegaw li b'dan il-ftehim l-Awtorità intimata u l-FKNK koprew żoni konsiderevoli ta' art u baħar, u bidlu d-destinazzjoni u l-użu tal-art, b'mod li effettivament hemm bdil fid-destinazzjoni u l-użu ta' dawn is-siti b'impatt fuq l-ekoloġija ambjentali u l-biodiversità, u l-istrateġija u l-ippjanar għal dawn iż-żoni. Qalu li eżerċizzju ta' dan it-tip u kobor għandu jsir skont il-liġi Ewropea, u skont is-*SEA Directive* trasposta fil-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta, li timponi li ssir stima ambjentali strateġika li tinkludi t-tħejjija ta' rapport xjentifiku u dettaljat dwar l-impatti rispettivi tas-soluzzjonijiet alternattivi kollha, kif ukoll tipprovdi għal proċess ta' konsultazzjoni pubblika meta jkun maħsub li jsir tibdil jew modifika lil xi pjan, strateġija, jew programm ta' żvilupp, liema eżerċizzju f'dan il-każ ma sarx. Ir-rikorrenti qalu li l-Awtorità intimata kisret ukoll id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar obbligi li jemanu minn sidien ta' beni fid-demanju pubbliku (il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-ftehim iffirmat mill-Awtorità intimata jimponi obbligu fuq il-Ministru għal Kaċċa u Insib biex jimpjega persuni sabiex jaħdmu bħala Uffiċjali għal Konservazzjoni, liema impjegati ser jaħdmu mal-FKNK skont il-proġett tagħha, u dan huwa tip ta' obbligu impost fuq persuna li mhuwiex parti mill-ftehim, stante li l-Ministru tal-

Kaċċa u l-Insib mhux parti jew firmatarju ta' dan il-ftehim. Qalu wkoll li r-reklutaġġ dirett mill-Ministru bil-mod deskritt fil-kuntratt, huwa illegali u jmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta.

6. L-intimata wieġbet li l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-setgħa lit-Tribunal jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet wara li jiġi intavolat rikors minn persuna 'aggravata' b'dik id-deċiżjoni. Qalet li għalhekk irid jiġi determinat jekk fl-ewwel lok, ir-rikorrenti humiex persuni li jistgħu jitqiesu 'persuni aggravati'. L-Awtorità tal-Artijiet għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li sabiex persuna titqies 'aggravata', din trid turi li għandha interess ġuridiku, dirett u personali skont id-duttrina stretta tal-interess ġuridiku, u għalhekk ir-rikorrenti jridu juru li għandhom dan l-interess. L-intimata għamlet riferiment għall-artikolu 33(2) tal-Kap. 573, li jaħseb għal mekkaniżmu fejn il-partijiet li jkunu involuti fi trasferiment, l-Avukat Ġenerali u membri tal-Kamra tad-Deputati jistgħu jattakkaw trasferiment partikolari, iżda qalu li f'dan il-każ ir-rikorrenti ma jaqgħux lanqas taħt dan id-dispost tal-liġi. L-Awtorità tal-Artijiet qalet li dan it-trasferiment huwa wieħed leġittimu, u skont dak li jippermetti l-Kap. 573, fl-artikolu 31(g)(E)(x). L-intimata spjegat li l-art in kwistjoni ġiet konċessa b'titolu ta' kirja, u d-dritt li ngħata huwa wieħed personali. Żiedet tgħid li hija ma tat l-ebda permess biex fuq l-art isiru attivitajiet jew xi forma ta' operat li jista' jaffettwa l-ambjent, mingħajr ma l-persuni involuti jkollhom l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. L-Awtorità intimata ċaħdet li l-art in kwistjoni tinsab fil-perimetru tal-kosta, u kuntrarjament għal dak li jippremettu r-rikorrenti, dejjem jista' jingħata 'permess amministrattiv' li jkun jista' jinkludi

konċessjonijiet speċifiċi, kuntrarjament għal dak li jkun jista' jsir fil-każ ta' trasferimenti oħra.

7. Flimkien mar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020 bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, kopja tal-*Memorandum of Understanding* iffirmat mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK, kopja tal-*press release* maħruġa mill-Gvern ta' Malta fl-10 ta' Ottubru, 2020, li permezz tagħha ġew spjegati diversi punti dwar dan il-ftehim, kif ukoll kopja tal-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention.*

8. Permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija mit-Tribunal fil-21 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal iddeċieda li l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata għandha tiġi milqugħha, fis-sens li r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' taħt l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti, permezz ta' sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2021, ħassret is-sentenza tat-Tribunal dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari, filwaqt li ordnat lit-Tribunal jipproċedi bis-smigħ tal-kawża. Fil-fatt jirriżulta li nżammu diversi seduti quddiem it-Tribunal li fihom instemgħu l-provi li ressqu l-partijiet.

9. **Dr Marisa Grech**, *Acting Chief Officer* tal-Awtorità tal-Artijiet, fl-*affidavit* tagħha qalet li permezz ta' stqarrija għall-istampa tal-11 t'April, 1986, il-Prim'Ministru ta' dak iż-żmien Dr Karmenu Mifsud Bonnici, kien ħabbar li kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, fejn kien ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex din l-għaqda tagħmel proġett fil-Miżieb. Il-

ftehim kien jinkludi klawsola li tgħid li waqt il-ħin tal-kaċċa, ma jkun jista' jidħol ħadd fil-Miżieb ħlief min ikollu awtorizzazzjoni jmur fil-post għall-kaċċa, u għal dan il-għan twaħħlu diversi tabelli sabiex il-pubbliku jkun infurmat li dan is-sit qiegħed jinżamm għall-kaċċa. Il-ftehim kien japplika wkoll għal parti mill-Aħrax tal-Mellieħa. Ix-xhud spjegat li permezz ta' ittra datata l-15 t'Awwissu, 2014, l-FKNK kienet talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet jagħti *endorsement* uffiċjali għal *management agreements* fir-rigward taż-żewġ siti fil-Miżieb u fl-Aħrax. Ix-xhud qalet li fit-23 ta' Frar, 2011, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern kiteb lid-Direttur Eżekuttiv tal-BirdLife Malta, fejn infurmah li fl-1986 iż-żona tal-Miżieb kienet *designated* mill-Gvern bħala riserva għall-kaċċa u li l-aċċess għaliha kien skont il-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Gvern u l-FKNK. Spjegat ukoll li fit-22 ta' Mejju, 2017, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi, l-Onor. Dr Deborah Schembri, kienet ħarġet direttiva ministerjali lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet ta' dak iż-żmien, fejn irrakkomandat li l-Awtorità tikkonċedi *b'encroachment* is-siti fil-Miżieb u fl-Aħrax, b'dan illi l-*encroachment* għandu jkun suġġett ukoll għal *management agreement.* Permezz ta' ittra mibgħuta fid-29 ta' Mejju, 2017, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata ta' dak iż-żmien kien bagħat ittra lill-FKNK fejn infurmaha li l-Awtorità kienet disposta li tikkonċedi *b'encroachment* l-artijiet fil-Miżieb u fl-Aħrax, u li kienu ser jinbdew diskussjonijiet għal dan il-għan. Ix-xhud qalet li f'April tal-2019 kienet saret laqgħa bejn il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata ta' dak iż-żmien ma' rappreżentanti tal-FKNK, sabiex jinbdew diskussjonijiet li potenzjalment kellhom iwasslu għal *management agreement* għall-Miżieb u l-Aħrax. Qalet li sussegwentement, bdew isiru l-preparamenti sabiex jiġi abbozzat ftehim fuq linji ġenerali, u eventwalment ġie

abbozzat ftehim preliminari. Dan l-abbozz ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata fit-12 ta' Ġunju, 2020. Ix-xhud annettiet mal-*affidavit* tagħha kopja tal-korrispondenza li għamlet riferiment għalih fl-*affidavit* tagħha.

10. Il-**Professur Alex Torpiano**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa ġie elett President Eżekuttiv tal-Għaqda Din l-Art Ħelwa f'Mejju tal-2019, u huwa qiegħed jipparteċipa f'dawn il-proċeduri kemm bħala President tal-Għaqda kif ukoll bħala ċittadin Malti. Qal li din l-għaqda, li twaqqfet fl-1965, taħdem favur il-preservazzjoni tal-wirt storiku, artistiku u naturali ta' Malta u Għawdex, u fost ix-xogħol li tagħmel daħlet għal ftehim għall-immaniġġjar ta' siti storiċi madwar il-Gżejjer Maltin. Qal li din l-għaqda ftehmet ukoll ma' għaqdiet oħra sabiex tieħu ħsieb meded ta' art naturali, bħall-Foresta 2000 fil-Mellieħa, u l-Park tal-Majjistral fl-istess lokalità. Qal li dawn il-proġetti ta' immaniġġjar u ta' *guardian* jirrikjedu ħafna snin ta' preparazzjoni u negozjati, kif ukoll studji dwar il-kundizzjoni strutturali, storika, il-fattibilità tal-proġett, il-metodoloġija ta' restawr u studji oħra. Ix-xhud qal ukoll li minkejja l-esperjenza twila li għandha l-għaqda f'dan il-qasam, il-proċess biex tingħata sit biex tirrestawra jew biex tieħu ħsiebu, taħt ftehim ta' immaniġġjar jew ta' *guardian*, dejjem ikun wieħed li jieħu ħafna snin. Qal li l-għaqda tifhem li fejn huma involuti assi storiċi u naturali, u ta' proprjetà pubblika, hemm bżonn ta' attenzjoni partikolari mill-awtoritajiet biex jiġi assigurat il-ħarsien ta' dawn l-assi, u t-tgawdija tagħhom mill-pubbliku, u għalhekk kien sorpriż meta sar jaf li medda kbira ta' art fl-inħawi tal-Mellieħa u l-Miżieb ingħatat għall-immaniġġjar. Ix-xhud qal li partijiet minn dawn is-siti jaqgħu taħt iż-żoni ta' Natura 2000, u għalhekk japplikaw għalihom regoli partikolari ta' ħarsien. Qal li s-sorpriża kienet akbar meta ġie stabbilit li din l-art ingħatat lil għaqda partikolari, l-FKNK, għall-iskop ta' kaċċa, li jfisser

għalhekk li l-pubbliku ser ikun jista' jgawdi din l-art partikolari għal tliet xhur fis-sena. Ix-xhud qal li meta l-għaqda Din l-Art Ħelwa saret taf bil-ftehim propost, din ingħaqdet ma' diversi għaqdiet mhux governattivi sabiex intavolaw protest ġudizzjarju dwar dan il-ftehim. Qal ukoll li fil-fatt saret koalizzjoni ta' għaqdiet, li ġabru il-firem sabiex il-Gvern ma jipproċedix b'dan il-ftehim. Qal ukoll li Ministru tal-Gvern għamel stqarrija fejn qal li kien hemm diversi entitajiet non-governattivi li għamlu talbiet simili lill-Gvern, imma d-diskussjonijiet ma' dawn l-entitajiet l-oħra, fosthom Din l-Art Ħelwa, s'issa għadhom ma waslu avolja t-talbiet ilhom li saru. Ix-xhud qal li Din l-Art Ħelwa tħoss li dan huwa aġir diskriminatorju fir-rigward ta' għaqdiet bħalha, għaliex meta hija tagħmel talbiet simili ma jiġux approvati b'ħeffa bħal ma sar fil-każ in kwistjoni. Ix-xhud qal li b'dan il-ftehim, art pubblika ngħatat għall-użu ta' grupp privileġġjat ta' nies, mingħajr m'hemm ebda regoli ċari dwar l-obbligi ta' immaniġġjar ta' dawn is-siti.

11. **Dr Claire Bonello**, fl-*affidavit* tagħha qalet li hija tirrappreżenta l-għaqdiet rikorrenti kollha, u ilha tirrappreżenta lil dawn l-għaqdiet quddiem il-Qrati anke fi kwistjonijiet oħra. Ix-xhud spjegat li r-rikorrenti kollha għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali, li jħarsu s-saħħa taċ-ċittadini, l-aċċess pubbliku għall-ispazji miftuħa u li jħarsu l-liġijiet u l-governanza tajba. Qalet li għalhekk, flimkien ma' għadd ta' entitajiet oħra, fis-sena 2020 dawn kienu ffurmaw il-koalizzjoni 'Spazji Miftuħa' sabiex jippromwovu l-ħarsien ta' dawn l-ispazji għall-pubbliku b'mod li huwa ekoloġikament sostenibbli, trasparenti u soċjalment ġust. Ix-xhud qalet li din il-koalizzjoni sabet l-appoġġ ta' ħamsa u ħamsin (55) organizzazzjoni. Fis-sena 2020, beda jingħad li meded kbar ta' art fil-Miżieb u l-Aħrax kienu ser jingħataw

lill-FKNK għal skop ta' kaċċa, li kien ser ifisser li għal madwar disa' xhur mis-sena, l-aċċess tal-pubbliku għal dawn l-artijiet kien ser ikun wieħed ristrett, restrizzjoni eċċessiva meta wieħed jikkunsidra li s-siti li kienu ser jiġu mgħoddija għandhom area ta' ħamsis darba d-daqs tal-Fosos tal-Furjana. Ix-xhud qalet li kien hemm kwistjonijiet oħra inkwetanti marbuta ma' din il-konċessjoni, fosthom in-nuqqas ta' trasparenza bil-mod kif kienet ser tingħata din il-konċessjoni, u liema kundizzjonijiet kienu ser jiġu imposti sabiex jiġi mħares l-ambjent f'dawn iż-żoni. Ix-xhud qalet li minkejja l-oġġezzjonijiet u l-petizzjonijiet ta' diversi persuni, dawn is-siti xorta waħda ngħataw lill-FKNK, mingħajr konsultazzjoni xierqa u b'mod irregolari u diskriminatorju. Qalet li fis-7 ta' Ottubru, 2020 ġew ippubblikati rapporti fil-mezzi tax-xandir dwar il-fatt li meded kbar ta' art, madwar miljun u nofs metru kwadru, kienu ser jiġu mgħoddija lill-FKNK taħt xi forma ta' qbil jew konċessjoni. Qalet li fid-9 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità intimata sabiex din ma tidħol fl-ebda ftehim, arranġament, għotja jew qbil mal-FKNK mingħajr il-ħarsien tal-provvedimenti tal-liġi u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet ta' terzi. Ix-xhud kompliet tgħid li madankollu, l-Awtorità intimata antiċipat id-data tal-iffirmar tal-ftehim għad-9 ta' Ottubru, 2020. Qalet li l-iffirmar tal-ftehim sar bil-magħluq, mingħajr il-preżenza tal-mezzi tal-istampa, u apparti l-ftehim ġie ffirmat ukoll *Memorandum of Understanding* bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Ippjanar u Tibdil fil-Klima, l-Awtorità tar-Riżorsi u tal-Ambjent u l-FKNK [minn issa 'l quddiem 'l-MoU']. Ix-xhud kompliet tgħid li għad li f'kummenti li ngħataw lill-mezzi tax-xandir kien ingħad li kien hemm ittra tal-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici li kellha tiġi fformalizzata, fil-fatt ma kien jeżisti l-ebda ftehim jew awtorizzazzjoni tal-Kabinett Malti jew tad-

Dipartiment tal-Artijiet f'dan is-sens. Ix-xhud qalet li ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni tal-Gvern biex l-imsemmija ittra tiġi fformalizzata b'xi mod, u lanqas twaħħlu tabelli fil-konfini tar-riserva, u lanqas ma twaħħlu indikazzjonijiet u/jew tabelli li jiddelinejaw il-mogħdijiet pubbliċi. Ix-xhud għamlet riferiment għall-istqarrija ministerjali li saret mill-Ministru Ian Borg, li qal li fit-tmeninijiet l-FKNK kienet għamlet biċċa xogħol sew fuq is-siġar, imma qalet li l-Ministru Borg ma ppreżenta l-ebda rendikont jew deskrizzjoni ta' din 'il-biċċa xogħol'. Qalet li kuntrarjament għal dak allegat, hemm diversi rapporti ta' illegalitajiet li saru f'dawn is-siti. Kompliet tgħid li fis-sena 2010, l-għaqda Birdlife Malta kienet ippreżentat rapport dettaljat lill-MEPA dwar l-istrutturi illegali fil-Miżieb, imma minkejja dan, l-istrutturi illegali tħallew fil-post. Qalet ukoll li f'Ġunju, 2020, l-għaqdiet li ffurmaw il-koalizzjoni 'Spazju Miftuħ' bagħtu rapport ieħor dwar dan lill-Awtorità tal-Ippjanar, iżda reġa' ma sar xejn. Ix-xhud qalet li lanqas m'hu minnu li l-kaċċaturi li jagħmlu użu mis-sit jieħdu ħsieb inaddfuh, għaliex matul is-snin kien hemm diversi rapporti ta' skrataċ li tħallew fuq is-sit u li ma tnaddfux mill-kaċċaturi. Ix-xhud qalet li minħabba dan il-ftehim, il-pubbliku in ġenerali qiegħed jiġi mċaħħad mill-użu ta' dawn is-siti għal perijodu ta' disa' xhur fis-sena, u minkejja li ssemmew mogħdijiet pubbliċi, dawn lanqas ma ġew indikati b'tabelli. Ix-xhud qalet li huwa diffiċli għar-rikorrenti jifhmu xi proċess sar qabel medda art daqstant kbira ngħatat lill-FKNK, meta parti minnha hija protett bħala sit Natura 2000. Qalet li meta staqsiet lill-Awtorità tar-Riżorsi u Ambjent dwar il-proċedura wżata sabiex għaqda tiġi magħżula sabiex tiġġestixxi sit Natura 2000, ir-risposta li ngħatat kienet li dawn l-entitajiet ġew magħżula għaliex urew interess li jimplimentaw Natura 2000 *Management Plan* jew Ordni ta' Konservazzjoni għaż-żoni in

kwistjoni, jew għaliex kienu obbligati jiżguraw il-ħarsien tal-ambjent wara l-iffirmar ta' ftehim mal-Gvern. Ix-xhud qalet li mill-esperjenza tagħha, l-affarijiet ma jiżvolġux b'dan il-mod, u ċċitat eżempji fejn għaqdiet ambjentali applikaw mal-awtoritajiet sabiex jingħataw il-ġestjoni ta' ċerti siti, iżda dawn tħallew mingħajr risposta, minkejja li l-art li talbu li jingħataw kienet ferm iżgħar mis-siti li ngħataw lill-FKNK. Ix-xhud qalet li l-*Memorandum of Understanding* li ġie ffirmat mill-FKNK u mill-ERA, huwa vag u ma jipprovdix dettalji dwar kif ser jiġu mwettqa n-*Natura 2000 Management Plans*. Qalet li anki l-fatt li dawn il-meded massiċċi ta' art ġew mgħoddija lil entità waħda għall-korrispettiv ta' €400 fis-sena, juri kif din il-konċessjoni hija arbitrarja u mhux imsejsa fuq konsiderazzjonijiet xierqa.

12. **Dr Marisa Grech** *Acting Chief Officer* fit-Taqsima tal-Esproprji u Kuntratti tal-Awtorità intimata, xehdet li sabiex entità jew individwu jingħataw art taħt xi titolu jew konċessjoni, trid issir applikazzjoni mal-Awtorità. Spjegat li l-FKNK kienet għamlet talba permezz ta' ittra fil-15 t'Awwissu, 2014. Ix-xhud qalet li l-Awtorità ma jkollhiex ħafna każijiet simili bħal dan, u l-valur tal-korrispettiv li jkun irid jitħallas, ħafna drabi jiġi deċiż mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità. Ix-xhud ikkonfermat li mal-ittra tal-FKNK ma ġiet sottomessa l-ebda pjanta lill-Awtorità, għalkemm qalet li mis-sistema tal-Awtorità seta' jiġi definit l-*outline* tal-art. Qalet ukoll li hija ma tafx li saru xi rapporti dwar illegalitajiet fuq dawn is-siti. Ix-xhud qalet li s-Segretarju Parlamentari Dr Deborah Schembri kienet ħarġet *ministerial directive* lill-Awtorità, fejn qalet li fix-xhur preċedenti l-Gvern kellu taħdidiet mal-FKNK dwar l-artijiet tal-Miżieb u l-Aħrax, u l-Gvern kien qiegħed jirrakkomanda li l-artijiet jgħaddu lill-FKNK b'mod formali. Għal dan il-għan il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità ta' dak iż-żmien intalab joħroġ *letter of intent.*

Ix-xhud qalet ukoll li hija ma tafx jekk qabel ġie ffirmat dan il-ftehim, kienx hemm xi konsultazzjoni mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent. Ikkonfermat ukoll li l-ftehim sar fil-forma ta' skrittura privata u mhux b'att pubbliku. Ix-xhud qalet ukoll li l-liġi in kwistjoni tgħid li trasferiment jista' jsir b'diversi modi, li jinkludu kera, *encroachment* jew bejgħ. F'seduta sussegwenti, ix-xhud ippreżentat kopja ta' tliet pjanti annessi mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax, kopja tal-Miżieb Reserve *Management Plan* anness mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax, kopja tal-Aħrax Reserve *Management Plan* annessa mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax, u kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tat-12 ta' Ġunju, 2020.

13. **Omar Mizzi**, Assistent Direttur tal-Enforcement tal-Awtorità tal-Ippjanar, ippreżenta lista ta' azzjonijiet ta' infurzar li ntalbet tieħu l-Awtorità fir-rigward tas-siti, u qal li uħud minn dawn l-azzjonijiet għadhom pendenti.

14. **Joseph Caruana**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar xehed li l-Ministeru ma kienx firmatarju fuq il-ftehim iffirmat bejn l-FKNK u l-Awtorità.

15. **Lucas Micallef**, in rappreżentanza tal-FKNK, xehed li l-għaqda għandha mal-għaxart elef membru, organizzati f'kumitati li jassiguraw li n-nies li jixtiequ jipprattikaw il-kaċċa f'dawn is-siti josservaw l-obbligi imposti fuqhom, fosthom li jattendu diversi tindifiet matul is-sena, iħawlu siġar ġodda, u jmantnu l-blat. Qal li hemm għadd limitat ta' kemm jista' jkun hemm nies jipprattikaw fl-istess post. Ix-xhud qal li l-għaqda m'għandha l-ebda kontroll fuq in-nies li jkunu jridu jidħlu f'dan il-post, u d-duri jiġu assenjati lill-kaċċaturi individwali b'sistema ta'

polza. Ix-xhud qal li hemm *management plans* dwar xogħol kontinwu li jsir kull sena, u meta jkun hemm inċidenti ssir riġenerazzjoni tas-siti skont il-pjan.

16. **James Piscopo**, li fiż-żmien meta ġie ffirmat dan il-ftehim kien Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, xehed li wara li kien irċieva direzzjoni ministerjali, kienu bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati. Mistoqsi jekk kienx involut fid-delinejazzjoni tal-estent tas-siti, wieġeb li le, però l-membri tekniċi tal-Awtorità kienu ċċekkjaw il-pjanti pprovduti mill-FKNK. Fir-rigward tal-ammont li kien se jitħallas mill-FKNK għall-konċessjoni tas-siti, ix-xhud spjega li kien hemm deċiżjoni li din tkun xi ħaġa nominali. Din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Ministeru. Fir-rigward ta' konsultazzjonijiet mal-ERA, ix-xhud wieġeb li ma kienx involut f'tali konsultazzjoni, però konxju li ġie ffirmat MOU mal-ERA fl-istess ġurnata li ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni. Mistoqsi x'għamlet l-Awtorità biex tiżgura jekk il-konċessjoni tirrikjedix stima strateġika ambjentali a tenur tar-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61, ix-xhud wieġeb li l-ftehim jitkellem fuq *site conservation, management, clean up activities, educational campaigns,* u għalhekk ma setax jifhem x'tip ta' sfregju ambjentali seta' jkun hemm. Spjega li minn dan il-ftehim il-Gvern ibbenefika wkoll, għaliex fejn qabel kellek sitwazzjoni *de facto* mhux regolarizzata, issa hawnhekk ġew imposti obbligi fuql-FKNK għal tliet snin.

17. **Il-Perit Michelle Piccinino**, Kap Eżekuttiv tal-ERA, spjegat illi xi April/Mejju 2020 kien hemm komunikazzjoni mis-Segretarjat tal-Ministeru tal-Ambjent sabiex isir *Memorandum of Understanding* fir-rigward tal-konċessjoni in kwistjoni. Tispjega li s-sit tal-Aħrax mhuwiex kollu kopert bi protezzjoni ambjentali. Tispjega li bħala sit *overall* huwa wieħed mis-siti l-inqas mhedda

minn żvilupp, però hemm *areas* li huma mhedda b'*littering*. Tispjega li kienu qed jiġu mħejjija l-*work plans* li kellhom jiġu żvolti fuq is-siti in kwistjoni, fejn isir elenku ta' xogħlijiet li hemm bżonn isiru. Ix-xhud spjegat li l-ERA ma kinitx involuta fil-ftehim redatt mill-Awtorità intimata. Qalet li l-ftehim in kwistjoni ma kienx jikkwalifika bħala pjan li għalih kien hemm bżonn li ssir stima strateġika ambjentali. Fir-rigward ta' *environmental impact assessment,* qalet li jekk kien hemm ħtieġa li dan isir, dan kien kompitu tal-ERA, u li kieku kien hemm bżonn li jsir, huma kienu jitolbu li jsir. F'dan il-każ ma ntalabx li jsir.

18. **L-Onor. Ministru Clint Camilleri**, fix-xhieda tiegħu qal l-FKNK kienu ilhom diversi xhur jew snin jitolbu li jimmaniġġjaw is-sit in kwistjoni. Ix-xhud qal li ma kienx hu li ssuġġerixxa li tiddaħħal klawsola biex jiġu pprovduti jew sekondati gwardjani, u lanqas ma kien hu li ffirma l-konċessjoni. Ix-xhud qal li huwa jaf li l-ftehim jinkludi obbligu li jiġu ingaġġati persuni biex jimmaniġġjaw dawn is-siti. Ix-xhud qal li trid issir distinzjoni għaliex il-prattika tal-kaċċa tinvolvi wkoll element ta' konservazzjoni u ta' manutenzjoni tas-sit.

19. **Mark Mifsud Bonnici**, President tal-Kaċċaturi San Ubertu, xehed li fi stqarrija tal-għaqda rappreżentata minnu tad-9 ta' Ottubru, 2020, l-għaqda talbet lill-Gvern biex tiġi stmata bħal ħaddieħor fir-rigward ta' għajnuniet u responsabbiltajiet ambjentali. Ix-xhud qal li qabel saret din il-konċessjoni, ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni mal-għaqda rappreżentata minnu.

20. **Dr Ivan Meli**, Segretarju Privat fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari tal-Artijiet, spjega illi huwa kien ġie inkarigat biex jaħdem fuq *management agreement* li kellu jintlaħaq mal-FKNK. Jispjega li huwa kien ġie muri żewġ ittri,

waħda ffirmata mill-ex-Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, u oħra tal-Professur Guido de Marco. Fir-rigward tal-ħlas nominali, spjega li oriġinarjament dan il-ħlas kellu jkun iżjed, però sussegwentement kienet ingħatat direzzjoni politika li għandu jonqos peress li l-FKNK ma kinux qed jingħataw flus bħal entitajiet oħra. Fir-rigward ta' pjanti li ġew annessi mal-ftehim, ix-xhud spjega li dawn ġew min-naħa tal-FKNK. Fir-rigward tal-ingaġġ ta' *conservation officers,* spjega li kien hemm direzzjoni politika u huwa daħħalha fil-ftehim u hu bagħat l-abbozz lill-Awtorità intimata. Mistoqsi għala fil-ftehim tintuża l-kelma *'guardian'*, ix-xhud spjega li huwa użaha bħala l-persuni li ħa jissalvagwardjaw iż-żona. Jispjega li l-ftehim huwa wieħed privat u mhuwiex kuntratt pubbliku. Jispjega li kull meta kien hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-ERA dwar il-ftehim, huwa dejjem tahom il-*feedback* tiegħu.

21. Is-Segretarju Parlamentari **l-Onor. Chris Agius**, fix-xhieda tiegħu qal li kienet ittieħdet deċiżjoni sabiex ftehim li kien imur lura ħafna snin jiġi kkonsolidat. Ix-xhud qal li saru għadd ta' laqgħat fil-Ministeru tiegħu ma' rappreżentanti tal-FKNK qabel ingħatat din il-konċessjoni. Qal ukoll li d-deċiżjoni li jkun hemm ħlas nominali ttieħdet abbażi ta' dak li kien isir ma' għaqdiet oħra fil-passat, u qal li l-Gvern ma jħaddem l-ebda parametri dwar il-mod kif għandhom jiġu stabbiliti il-ħlasijiet għall-użu ta' artijiet bħal dawn. Ix-xhud qal li '*guardian'* huwa persuna li jħares l-obbligi li għandu taħt dan il-ftehim.

22. **Lino Farrugia**, Kap Eżekuttiv tal-FKNK qal li huwa ilu attiv fl-FKNK ħamsa u tletin sena, u kien ilu involut sa minn meta beda jiġi nnegozjat il-*management agreement* għas-siti fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa. Ix-xhud qal li l-FKNK ma

kellha tagħmel l-ebda konsultazzjoni pubblika qabel ġiet konċessa dawn l-artijiet. Ix-xhud qal li l-*guardianship agreement* jinvolvi t-tħaris ta' numru ta' kundizzjonijiet għall-konservazzjoni tas-sit, u semma li sar eżerċizzju ta' tneħħija ta' siġar aljeni li qegħdin jinbidlu ma' siġar indiġeni. Ix-xhud qal ukoll li s-sit minn dejjem kien u għadu miftuħ għall-pubbliku. Ix-xhud qal ukoll li għas-sit kellhom jinħatru numru ta' *conservation officers,* imma sallum is-sorveljanza u l-*management* tas-siti qegħdin isiru biss fuq bażi volontarja.

## Is-Sentenza Appellata

23. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell intavolat quddiemu mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud, filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata għandhom jintlaqgħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi l-aggravji mressqa mir-rikorrenti huma fis-suċċint is-segwenti:-*

*1. Illi l-ftehim in kwistjoni huwa fil-fatt trasferiment skont il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux sempliċiment* management agreement *u li allura kellu jsegwi l-proċeduri elenkati f'artikolu 31 tal-imsemmi Kapitolu;*
*2. Id-deċiżjoni li l-Awtorità intimata tittrasferixxi u tafda l-ġestjoni tas-siti in kwistjoni kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u saret għal għanijiet mhux xierqa u li ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u ħtiġijiet proċedurali mandatorji fil-proċess kollu li wassal għall-iffirmar tal-ftehim;*
*3. L-aġir tal-Awtorità huwa diskriminatorju fil-konfront tagħhom, imur kontra l-liġi u d-direttivi tal-Unjoni Ewropea;*
*4. Illi l-ħlas impost mill-Awtorità lill-FKNK huwa wieħed irriżorju;*
*5. L-Awtorità intimata naqset li tirrispetta l-għanijiet u oġġettivi tal-*Protocol on Integrated Coastal Zone Management to the Barcelona Convention, *kif ukoll naqset li tosserva l-*Habitats Directive *u l-*Birds Directive *tal-Unjoni Ewropea;*

*6. L-Awtorità intimata naqset milli ssegwi n-Natura 2000* Management Plans;
*7. Ma sarux studji ambjentali dwar l-impatt tal-ftehim in kwistjoni kif rikjesti minn diversi liġijiet u direttivi;*
*8. Illi l-Awtorità intimata kisret l-obbligi tas-sidien ta' beni fid-demanju pubbliku;*
*9. Ġie impost obbligu fuq il-Ministru għall-Kaċċa u l-Insib li jimpjega Uffiċjali għall-Konservazzjoni, mingħajr ma l-istess Ministru kien parti minn dan il-ftehim.*

*Illi fir-rigward tal-aggravju immarkat wieħed (1) hawn fuq, l-Awtorità saħqet illi dan it-trasferiment sar* ai termini *tal-artiklu 31(g)(E)(x) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjoni tal-liġi tirregola l-mod kif il-Gvern jista' jagħti b'kiri art pubblika. Di fatti ċ-ċitata dispożizzjoni tgħid is-segwenti:*

"(E) Art tal-Gvern tista' tingħata b'kiri:
...
(x) jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali;"

*Illi dan it-Tribunal jirrileva illi għalkemm fil-ftehim in kwistjoni ma tissemmiex il-kelma "kirja", dak li ġie konċess lill-FKNK huwa dritt personali ta' mmaniġġjar u operat tas-siti in kwistjoni. Illi minn qari tad-diversi klawsoli li hemm fl-istess ftehim, jirriżulta ċar illi dak li ġie konċess huwa dritt personali. Ftit eżempji ta' dawn huma s-segwenti:*

*"*This Agreement is not intended to transfer any of such right of ownership:

2.1 ... it is being clearly agreed and understood that this grant constitutes a personal right competent solely to the guardian of the site ...
4.1 The Agreement shall remain valid and operative on a three year basis at the absolute discretion of the Board of Governors of the Lands Authority ...
4.2 On termination of this Agreement in accordance with clause 17 of this Agreement, the Guardian shall immediately vacate the Site."

*Wara li dan it-Tribunal fela sew il-kontenut tal-ftehim in kwistjoni huwa tal-fehma li l-Awtorità intimata setgħet legalment tidħol fil-ftehim in kwistjoni mingħajr ebda ħtiġiet proċedurali oħra. Bil-ftehim in kwistjoni ma ġie trasferit l-ebda dritt reali lill-FKNK li kien jimmerita proċess differenti da parti tal-Awtorità intimata. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi fir-rigward tal-aggravju immarkat bin-numru tnejn (2) iktar 'il fuq, mill-provi prodotti ma jirriżultax dak allegat mir-rikorrenti. Ix-xhieda mressqa mill-istess rikorrenti xehdu kif minn snin ilu l-FKNK kienu ġew allokati s-siti in kwistjoni biex jeżerċitaw id-delizzju tagħhom però għal snin twal kienu qegħdin joperaw mingħajr ebda ftehim. Illi t-Tribunal iqis li dan kien pass importanti biex tiġi regolarizzata din il-*

*kwistjoni fejn issa l-FKNK assumiet diversi obbligi biex iżżomm is-siti fi stat tajjeb u tindukrahom kif suppost. Illi dak li kien stat ta' fatt għal diversi snin ġie mpoġġi f'qafas kuntrattwali biex b'hekk is-siti jiġu mmaniġġjati aħjar. Illi dan it-Tribunal ma rriskontra l-ebda kunsiderazzjoni rrilevanti li setgħet għamlet l-Awtorità intimata fil-proċess li wassal għall-iffirmar tal-ftehim. Lanqas ma jirriżulta li nkisru l-prinċipji ta' ġustizzja naturali kif allegat mir-rikorrenti. Lanqas ma jirriżulta li l-ftehim sar għal għanijiet mhux xierqa. L-għanijiet, kif stipulati fl-istess ftehim, ma jirriżultax li ma humiex xierqa u dan kif jirriżulta mill-*Management Plans *esebiti. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi wkoll miċħud.*

*Illi permezz tal-aggravju mmarkat bin-numru tlieta (3) hawn fuq, ir-rikorrenti jsostnu li ħassewhom diskriminati għall-mod kif jiġu ttrattati t-talbiet tagħhom meta mqabbla ma' dak li ġie konċess lill-FKNK. Illi jibda biex jingħad li dan mhux il-forum appożitu sabiex tiġi trattata kwistjoni simili u dan in vista ta' dak li jistipula artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati ordinarji u dan it-Tribunal huwa prekluż li jittratta u jiddeċiedi dwarhom. Madanakollu t-Tribunal iqis li ma ġew prodotti l-ebda provi li jsostu dan l-aggravju. Illi l-provi li għandu quddiemu dan it-Tribunal huwa li l-FKNK kienet ilha snin twal tipprova tasal għal ftehim simili filwaqt li fi kliem Mark Sultana, Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, il-ftehim li l-organizzazzjoni għandha mal-Gvern biex timmaniġġja r-Riserva Naturali tas-Salina dam madwar sentejn. Kwindi ċertament il-prova li għandu dan it-Tribunal ma hix li l-FKNK ngħataw xi trattament preferenzjali fuq għaqdiet oħra. Għaldaqstant qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tal-aggravju mmarkat erbgħa (4) hawn fuq, ir-rikorrenti jsostnu li l-ħlas impost mill-Awtorità għal kull sit huwa wieħed irriżorju. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk wieħed jieqaf biss fuq l-ammont tista' tingħata l-impressjoni li dan huwa l-każ. Però meta wieħed jifli l-ftehim u jqis l-obbligi imposti u assunti mill-FKNK għaż-żamma tajba tas-siti jirrealizza li l-istess għaqda trid toħroġ ammont ta' spejjeż biex dawn is-siti jinżammu skont dak miftiehem. It-Tribunal se jiċċita ftit mill-obbligi asunti mill-FKNK, u ċioe:*

"5.5 The Guardian undertakes to regularly maintain and clean the Site and perform such duties as required by this agreement.

5.9 The Guardian shall be responsible to put up and/or procure all investment it deems necessary for the good management of the site in accordance with this agremeent.

5.10 The Guardian shall take all necessary steps to ensure adequate security and safety within the Site, and to ensure the safety of all volunteers/employees

working on the Site at any given time, according to health and safety regulations.

10.1 The Guardian shall in the joint names of the Grantor and the Guardian, prior to the signing of this Agreement, hold an insurance in order to safeguard the rights of third parties in case of third party liability ...”

*Dawn l-obbligi ċertament iridu jittieħdu in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex iqis jekk l-ammont imħallas mill-FKNK huwiex wieħed irriżorju jew le. Illi t-Tribunal jirrileva li* ai termini *tal-Kapitolu 563, l-Awtorità intimata għandha l-obbligu li tara li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika. B’dan ma jfissirx illi l-Awtorità intimata trid akkost ta’ kollox tara biss il-lat finanzjarju ta’ kwalunkwe konċessjoni li tagħmel. Hemm kunsiderazzjonijiet oħra li jridu jsiru bħal pereżempju l-oġġettivi kulturali u soċjali li jkunu se jiġu segwiti fuq is-siti konċessi. Għalkemm dwar jekk il-kaċċa għandhiex tiġi meqjusa bħala attività kulturali u soċjali hemm dibattitu pjuttost jaħraq, il-fatt hu li f’Malta hawn diversi persuni li jeżerċitaw din i-prattika bħal ma hawn diversi persuni oħra li l-oġġettiv tagħhom huwa li jħarsu l-għasafar. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jħossx illi l-Awtorità intimata naqset mill-obbligi tagħha meta imponiet il-ħlas miftiehem. Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija minn Lino Farrugia, liema informazzjoni bl-ebda mod ma ġiet miċħuda mir-rikorrenti BirdLife Malta, li l-istess għaqda tirċievi mal-mija u ħamsin elf euro bħala* grant *fis-sena biex tiġi sostnuta fl-attivitajiet tagħha. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz ta’ għadd ta’ aggravji oħra r-rikorrenti jsostnu li ġew vjolati għadd ta’ liġijiet, direttivi tal-Unjoni Ewropea u Protokolli u wkoll li l-ftehim imur kontra l-oġġettivi u l-għanijiet tan-*Natura 2000 Management Plans. *Illi t-Tribunal josserva li fi klawsola 1.1.4 tal-ftehim hemm is-segwenti referenza:*

“**‘Natura 2000 site’** refers to a coherent European ecological network of protected areas designated under the Council Directive 92/43/EU on the conservation of natural habitats and of wild fauna and flora, ‘Habitats Directive’ and the Council Directive 2009/147/EU on the conservation of wild birds, ‘Birds Directive’, and also the Natura 2000 sites declared in Malta as Special Areas of Conservation and Special Protection Areas and regulated under Legal Notice 311 of 2006, ‘Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations”. This network includes sites hosting the natural habitat types and habitats of species listed in the aforementioned Directives and Regulations, which habitat types and species are to be maintained, or, where appropriate, restored, at a favourable conservation status in their natural range.”

*In-Natura 2000 huwa* network *ta’ siti magħżula biex jiżguraw is-sopravivenza tal-iktar speċi u abitati mhedda fl-Ewropa.*

*Illi l-*Management Plan *dwar is-sit tal-Miżieb u anke dwar is-sit tal-Aħrax jelenkaw pjan ta' mmaniġjar tal-istess siti. Fl-introduzzjoni għal dan il-pjan, fir-rigward tas-sit tal-Miżieb jingħad is-segwenti:-*

"The FKNK believes in the sustainable management of its sites. Through a concerted effort between the Miżieb Sub-Committee and practicing members. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreation practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. For this reason, the FKNK wishes to develop the site at Miżieb and reduce the abuse and vandalism that takes place at the area. Through this Management Plan, the FKNK is seeking the Government's support for the management of the area which has been assigned to the FKNK at Miżieb." *(fn. 22 a. Fol. 500)*

*Fir-rigward tas-sit tal-Aħrax jingħad is-segwenti:-*

"The FKNK believes in the sustainable management of its sites. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreational practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. Another objective of this management plan is to provide the basis for the FKNK to receive governmental and other stakeholder's support for the management of the area in the limits of Mellieħa. The FKNK are currently planning and aiming to receive the necessary support via governmental funds as are normally allocated for similar projects entrusted to NGOs, which will be utilised to conserve the limits of Mellieħa while protecting it from vandalism and waste. The strategy would help the FKNK proved a more environmentally friendly environment for its members, locals and tourists alike. The expected end result of this sustainability of the Mellieħa area that is managed by the FKNK." *(fn. 23 a fol. 518)*

*F'kull pjan imbagħad wieħed isib lista ta' attivitajiet maħsuba biex jiġu salvagwardjati fl-istess siti filwaqt li jiġi pprattikat l-insib u l-kaċċa.*

*Pereżempju, fil-pjan tal-Miżieb ġie dikjarat illi l-membri tas-sotto kumitat tal-Miżieb jieħdu ħsieb il-konservazzjoni tas-siġar u jiżbruhom, iħawlu siġar ġodda, fosthom siġar indiġeni, bini u manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ li jservu kemm bħala abitat tal-*flora *u* fauna *u kif ukoll biex ma tintilifx ħamrija u ilma. Fl-istess pjan ġie dikjarat ukoll li l-membri tal-FKNK huma obbligati li jnaddfu s-sit filwaqt li l-Għaqda torganizza għadd ta' attivitajiet għall-pubbliku in ġenerali. L-Għaqda tieħu ħsieb ukoll li fl-istaġun tal-kaċċa tagħmel* signposts *biex tinforma lill-pubbliku in ġenerali li tkun għaddejja l-kaċċa filwaqt li hemm* area *imfassla għall-*picnics *li tiġi mantnuta mill-Għaqda u l-membri tagħha.*

*Il-Pjan tal-Aħrax huwa mfassal fuq linji simili però fl-istess sit ma hemmx* area *mfassla fejn wieħed jista' jagħmel* picnic. *Fil-pjan tal-Għaqda hemm imnižżel li* area *bħal din tista' tiġi ppjanata biex tinkoraġġixxi lill-Maltin u lit-turisti jgħaddu l-ħin liberu tagħhom fl-istess sit.*

*Illi minn qari tal-*Management Plans *ippreżentati lill-Awtorità intimata, it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova illi din tmur kontra r-reġim ambjentali li japplika għas-siti Natura 2000. Minn dak li seta' jixtrarr it-Tribunal, fl-istess pjanijiet, għalkemm huwa msemmi li se ssir kaċċa u nsib fis-siti msemmija, hemm ukoll element qawwi ta' konservazzjoni, liema element huwa l-bażi tar-reġim ambjentali applikabbli għas-siti Natura 2000. Illi filwaqt li r-rikorrenti elenkaw numru ta' infrazzjonijiet riskontrati mir-rikorrenti Birdlife għal dak li għandu x'jaqsam ma' kaċċa ta' għasafar u bini illegali fuq is-sit tal-Miżieb (fn. 24 ara fol. 77* et sequitur*) dan ma jfissirx illi l-Għaqda FKNK għandha tieħu r-responsabbilità tagħhom. Jibda biex jingħad illi fil-ftehim ġie stipulat illi s-siti in kwistjoni jista' jkun hemm biċċiet minnhom imqabbla mill-Gvern lil terzi u li allura l-FKNK trid tirrispetta d-drittijiet li terzi jista' jkollhom fuq l-istess biċċiet ta' art. (fn. 25 klawsola 5.14 tal-ftehim) Kwindi, anke jekk kien hemm xi irregolaritajiet fil-passat, dawn jistgħu twettqu kemm minn membri tal-FKNK u kemm minn membri mhux tal-FKNK. Hu x'inhu l-każ sakemm il-membri tal-FKNK jeżerċitaw il-prattika tal-kaċċa u nsib fuq għasafar mhux protetti u fil-perijodu stipulat fil-liġi, u li allura ma jkunux qegħdin jiksru l-ebda liġi la nostrana u lanqas dik tal-Unjoni Ewropea, dan it-Tribunal ma jqisx illi l-ftehim imur kontra xi direttiva tal-Unjoni Ewropea jew xi liġi nostrana li tissalvagwardja l-ambjent u diversi speċi, inkluż għasafar li jbejtu Malta jew migratorji.*

*Illi, però, iktar minn hekk, fid-data li ġie ffirmat il-ftehim, ġie ffirmat ukoll* Memorandum of Understanding *bejn il-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK. Illi għall-kompletezza dan it-Tribunal qed jirriproduċi dan l-MOU fl-intier tiegħu, u ċioe:-*

"**<u>Background</u>**

1. That by virtue of the private agreement dated 9th October, 2020 entered into between the Lands Authority and the Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) the Land Authority granted the management and operation of the area known as Il-Miżieb and various areas within l-Aħrax along the Marfa Pensinsula (both hereinafter referred to as 'Site/s') to FKNK to be used exclusively for the activities defined in the related management/project plans including but not limited to hunting, trapping, sport shooting and other leisure activities;

2. FKNK desirous to continue to protect and safeguard the areas covered in the above-mentioned private agreement, but hereinafter referred to as 'Site/s' are entering into the Memorandum of Understanding (MoU) with the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, (MECP) and the Environment and Resources Authority (ERA) in order to further promote environmental conservation of the areas concerned.

3. For the avoidance of any doubt, this MoU shall be independent of the private agreement dated 9th October, 2020 above-quoted, but given that the Sites in the private agreement include various protected areas and protected species under the Environment Protection Act (Chapter 549 of the Laws of Malta, hereafter referred to as the 'EPA'), FKNK is entering into this MoU with its primary objective being that of managing same Sites in accordance with the provisions of the EPA, (which reference, includes all subsidiary legislation under Chapter 549 of the Laws of Malta), whilst promoting the environment.

4. Any one of the parties may decide to terminate this agreement mentioned in clause 1 expires or it is terminated for any reason whatsoever.

**Details of the MoU**

Consequently, and in furtherance of the objectives above-indicated, FKNK agrees to the following:

5. FKNK undertakes to manage the Sites in accordance with the EPA and the related EU environment acquis. FKNK guarantees not to change in any way whatsoever the principal nature and assure the conservation of the Site, including the protected habitats, species, and landscape features.

6. FKNK shall be responsible to manage the site through, inter alia, routine administration; implementing measures in line with the relevant legislation under the EPA and the related EU environment acquis; monitoring of biodiversity and patrolling the site; reporting to the relevant competent authorities any offences in breach of the EPA; carrying out of relevant education, research and awareness raising; and ensuring appropriate stakeholder engagement.

7. FKNK shall ensure that all public passageways and thoroughfares remain open to the public at all times.

8. FKNK declares that it will not hinder or obstruct any officers from ERA or MECP entrusted with a public service and who attend on the Sites in the exercise of their duties according to law, and will not otherwise unduly interfere with the exercise of such lawful duties.

9. FKNK shall also ensure that any signage shall be landscape-sensitive, non-intrusive and in strategic locations in accordance with the relevant applicable legislation. Signs within areas protected under the EPA shall be pre-approved by ERA.

10. FKNK shall not assign, transfer or sub-contract any part of this Agreement, without the prior written authorisation of MECP and ERA.

11. Nonetheless, FKNK is authorised to give temporary and limited access of the land/s to third parties exclusively to carry out activities, whether periodically or not, which are not detrimental to the area itself in collaboration with FKNK.

12. FKNK shall not place any orders with suppliers, or otherwise incur liabilities, in the name of MECP and/or ERA or any representative thereof unless previously authorised in writing by MECP and /or ERA.

13. The implementation of this MOU shall be coordinated by the designated responsible Sub-Committee set up by FKNK for this purpose, and all issues pertaining to this understanding shall be channelled to the same Sub-Committee, who will turn have the discretion to delegate and direct that any particular matter is entrusted to a particular person to liaise with ERA and/or MECP.

14. MECP shall coordinate discussions between all parties of the formulation of a Work Plan in relation to protected areas within the Site, detailing measures for the implementing this Agreement which shall be agreed to between all parties.

**General Clauses on the MOU**

15. This Agreement does not exempt the FKNK from the requirement to obtain all the necessary permits required by law including those required from ERA for the implementation of the services and tasks referred to in this MOU.

16. Without prejudice to any other relevant agreements signed by either party in connection with the Site/s this Agreement does not constitute any form of title to the land and/or property within the Site/s.

17. Information given by ERA or MECP to the FKNK through email or another medium cannot be published or disclosed unless parties agree beforehand in writing to disclose such information, provided each Party shall be entitled ot disclose correspondence or information or extracts thereof to any Court or administrative body as may be necessary in the performance of their legal obligations and/or to defend themselves in any claims made by any third parties.

**Default and Termination Clauses**

18. FKNK shall be in default if it is in breach of environmental legislation under the provisions of the EPA and its subsidiary legislation.

19. Where in the opinion of ERA and MECP, the FKNK is in default, ERA and MECP may notify the FKNK in writing, highlighting such default/s and giving at least ten (10) working days in which to remedy the default. If the default persists, the ERA or MECP may terminate the Agreement in line with Clause 20.

20. ERA and MECP may in case of default, terminate all or part of this agreement, at any time, following notification in line with Clause 19, in which case ERA or MECP shall bear no costs.

21. On the other hand, the FKNK may, at any time terminate this agreement by giving one-month notice in writing. The one-month notice will start to reckon from the date on which the letter of termination is notified to ERA and MECP.

22. This Agreement shall be governed and construed in accordance with the Laws of Malta, and subject to the jurisdiction of the Maltese Courts of Law."

*Illi għalhekk minn qari ta' dan l-MOU jirriżulta ċar illi ġie maqbul illi l-istess siti se jiġu mmaniġjati skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u l-leġislazzjoni sussidjarja promulgata taħt l-istess Att. Illi kif jirriżulta l-istess MOU jobbliga lill-FKNK timplimenta miżuri li jkunu in linea mal-liġi nostrana u dik relatata mal-acquis dwar l-ambjent tal-Unjoni Ewropea. Illi jirriżulta ċar illi dan l-MOU sar fl-ambitu tal-ftehim li kien għadu kemm ġie ffirmat u jirriżulta biċ-ċar illi fuq livell inter-Ministerjali kull Ministeru involut kien jaf eżattament x'kien fih il-ftehim in kwistjoni u s-sussugwenti MOU ċitat hawn fuq. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma lli min-naħa amministrattiva ġie maħsub li l-FKNK tħares il-liġijiet kollha viġenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ambjent. Illi għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz ta' aggravju ulterjuri, ir-rikorrenti jisħqu li permezz ta' din il-konċessjoni ġew miksura l-obbligi tas-sidien ta' beni fid-demanju pubbliku. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan u dana peress li ai termini ta' klawsola 2.2 tal-ftehim hemm stipulat is-segwenti "*The parties agree that the foreshore surrounding the coastal perimeter of the Site, as defined in Article 311(2) of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta *(fn. 26 "*The "foreshore" is that part of the coastal perimeter, including where it exceeds fifteen metres, which is normally covered by water due to the action of waves and the use of which is restricted by this fact. The foreshore extends up to the reach of the largest wave and, even if it lies beyond the reach of the waves, to the limits of any beach: Provided that the foreshore shall not extend over or onward of a

schemed public road.”), shall remain part of the Public Domain and therefore the Government reserves all rights thereon. The foreshore remains excluded from the scope of this Agreement, and access to it shall remain open and free of charge at all times.” *Illi kwindi huwa ċar illi b'dan il-ftehim ġie eskluż dak li r-rikorrenti jallegaw li ġie użurpat. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi finalment ir-rikorrenti jilmentaw ukoll illi ġie impost obbligu fuq il-Ministru għall-Kaċċa u l-Insib li jimpjega Uffiċjali għall-Konservazzjoni, mingħajr ma l-istess Ministru kien parti minn dan il-ftehim. Illi skont il-ftehim il-partijiet qablu li kienu se jiġu* seconded *uffiċjali tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib sabiex jaqdu l-funzjoni ta'* conservation officers. *Illi f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti pproduċew bħala xhud lill-Onorevoli Clint Camilleri, il-Ministru responsabbli mill-Ministeru msemmi li spjega dan li ġej meta mistoqsi dwar l-obbligu tal-Ministeru li jipprovdi l-gwardjani* “Aħna naħdmu f'isem Gvern wieħed u kull obbligu li sar f'isem il-Gvern aħna Gvern wieħed, issa Ministru ta' hekk jew hekk, ovvjament nimxu mar-regoli taċ-Ċivil u nimxu 'l quddiem.” *Illi dan it-Tribunal ma seta' jirriskontra l-ebda problema da parti tal-Ministru konċernat, li għalkemm ma kienx parti mill-ftehim, li jonora dak li ġie maqbul bejn il-partijiet. Illi dan it-Tribunal jifhem illi l-għan tal-*conservation officers *huwa li jħarsu s-siti minn atti illegali tant li skont il-ftehim għandu jkollhom poteri ta' infurzar. Illi t-Tribunal jifhem li dan huwa in linea mal-oġġettivi tar-rikorrenti li kollha għandhom interess li l-ambjent Malti jkun protett. Kwindi, fin-nuqqas totali ta' xi prova li hemm xi diżgwid da parti tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib dwar l-ingaġġ ta' dawn il-*conservation officers, *dan it-Tribunal ma jħossx illi dan l-aggravju huwa wieħed mistħoqq.*

*Illi għaldaqstant, wara li t-Tribunal tratta l-aggravji tar-rikorrenti, huwa tal-fehma illi fid-deċiżjoni tagħha u fis-sussegwenti ftehim li l-Awtorità intimata għamlet mal-FKNK ma kien hemm xejn irregolari jew illegali. It-Tribunal jifhem li l-għaqdiet rikorrenti u l-FKNK jista' jkollhom opinjoni differenti u jħarsu lejn aspetti soċjali u kulturali b'mod differenti. Però dan ma jfissirx li xi ħadd minnhom għandu jkollu l-esklussività fuq l-ieħor. Kif ġie ampjament ippruvat hemm diversi għaqdiet volontarji li ngħataw konċessjonijiet ta' art pubblika biex jimmaniġjawha u saħansitra jingħataw ukoll għotjiet ta' flus mill-Gvern biex jiġu mgħejuna f'dan l-immaniġjar. Dan huwa tajjeb u għandu jibqa' jsir però kull għaqda trid tifhem li ċ-ċittadini Maltin għandhom interessi diversi li mhux bilfors jaqblu mal-oġġettivi tal-għaqda partikolari. Sakemm dawn l-interessi ikunu legali, allura mhemm xejn ħażin li l-Gvern jagħti s-sostenn tiegħu lil kull għaqda volontarja sakemm dan ikun ġust u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Illi b'dan il-ftehim il-Gvern ta spazju lil għaqda li tipprattika l-kaċċa, l-insib u l-konservazzjoni tal-ambjent. Illi din il-konċessjoni ma ngħatatx fil-baħħ iżda l-FKNK ippreżentat*

management plans *dettaljati sew li abbażi tagħhom sar il-ftehim. Dan apparti li b'dan il-ftehim ġie regolarizzat stat ta' fatt li kien ilu fis-seħħ għal għexieren ta' snin, liema stat ta' fatt kien rikonoxxut minn gvernijiet fil-passat. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi għalhekk kien għaqli li dan l-istat ta' fatt ġie regolarizzat b'dan il-mod ħalli kulħadd ikun jaf x'inhuma d-dmirijiet u l-obbligi tiegħu.*

*Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura fil-proċess li wassal għall-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020.*

***Decide***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti* in solidum."

## L-Appell

24. Ir-rikorrenti ressqu l-appell tagħhom mis-sentenza tat-Tribunal fl-14 ta' Frar, 2022 fejn talbu lil din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza tat-Tribunal tal-25 ta' Jannar, 2022, u tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha li huma xierqa u ġusti.

25. L-appellanti jikkontendu li t-Tribunal kien żbaljat fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-mod kif sar it-trasferiment tal-art mill-Awtorità tal-Artijiet, u qalu li l-mod kif sar dan it-trasferiment mhux konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 563 u 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti qalu li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li tgħaddi s-siti msemmija lill-FKNK, tikkwalifika bħala trasferiment *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti qalu li t-trasferiment ma sarx skont il-liġijiet applikabbli u skont il-proċedura stabbilita, bi ksur tal-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma kien hemm l-ebda sejħa pubblika għall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern jew f'gazzetta lokali, ma

kienx hemm avviż ta’ trasferiment b’irkant, u ma kien hemm l-ebda riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Inoltre dan it-trasferiment ma kienx soġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut kif titlob il-liġi. L-appellanti qalu li fejn il-Gvern irid jiddisponi mill-artijiet direttament, għandu jkun hemm riżoluzzjoni parlamentari fejn tali trasferiment jiġi approvat. Alternattivament, trid tiġi segwita l-proċedura ta’ ħruġ ta’ sejħa għall-offerti, fejn kulħadd jingħata l-opportunità li jagħmel l-offerta tiegħu b’mod trasparenti. Qalu wkoll li f’każijiet oħrajn, l-Awtorità appellata tipproċessa u tiddeċiedi dwar talbiet bħal dawn mingħajr il-ħtieġa li timxi fuq l-istruzzjonijiet ta’ xi Ministru jew tal-Gvern. L-appellanti sostnew li f’dan il-każ l-Awtorità appellata kellha tipproċessa t-talba tal-FKNK b’mod awtonomu u mhux fuq id-direzzjoni ta’ xi Ministru. L-appellanti qalu li minn qari tal-artikolu 31 tal-Kap. 573 għandu jirriżulta li dawn huma l-uniċi modi kif jista’ jsir trasferiment skont il-liġi, u ladarba dan il-ftehim ma sarx skont il-proċeduri stabbiliti bil-liġi, dan għandu jitqies li huwa null. L-appellanti qalu li t-Tribunal iddeċieda li l-Awtorità kienet korretta li daħlet f’dan il-ftehim mingħajr ma osservat xi formalità jew proċedura oħra, u dan għaliex permezz ta’ dan il-ftehim ma ġie ttrasferit l-ebda dritt reali lill-FKNK. L-appellanti qalu li l-pern ta’ dan l-aggravju huwa li kwalunkwe tip ta’ trasferiment li jsir, għandu jsir skont il-proċedura kkontemplata fl-artikolu 31, liema artikolu tal-liġi ma jipprovdix għal sitwazzjoni fejn il-Gvern jiddeċiedi u/jew jimponi li jsir trasferiment, jekk mhux permezz ta’ riżoluzzjoni parlamentari jew bil-ħruġ ta’ sejħa għall-offerti. Qalu wkoll li f’dawk il-każijiet fejn l-Awtorità tkun qegħda tikkonsidra talba jew applikazzjoni individwali, din għandha tiddeċiedi fuqha indipendentement mill-Gvern, li għandu jagħti biss direzzjoni strateġika. Qalu minn dak li xehdu l-Kap Eżekuttiv James Piscopo u l-Avukat Ivan Meli, għandu jirriżulta ċar li f’dan il-każ

l-Awtorità mxiet biss fuq l-istruzzjonijiet tal-Gvern. L-appellanti qalu li anki l-korrispettiv nominali ta' €200 ġie ffissat mill-Gvern, u l-Awtorità lanqas ma kellha l-pjanta taż-żoni li kienu ser jingħataw. Anki l-kundizzjoni dwar il-provvista ta' ħaddiema mill-Ministru għal Għawdex u għall-Kaċċa ddaħħlet mill-Gvern, u din ma tikkostitwixxix direzzjoni strateġika, iżda impożizzjoni fir-rigward ta' talbiet individwali, xi ħaġa li l-Kap. 573 ma jippermettix. L-appellanti saħqu li direzzjoni strateġika hija direzzjoni fuq pjan jew livell ġeneriku, fuq it-tfassil ta' politika u *policies,* u mhux direzzjoni fuq talbiet individwali. Qalu li fil-każ odjern ġie ppruvat li d-direzzjoni, l-instigazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-ftehim mal-FKNK ġew mill-Ministru jew mis-Segretarju Parlamentari. Komplew jgħidu li fil-każ odjern ma kienx hemm minuti jew xi direzzjoni formali, u lanqas il-Kap Eżekuttiv ma seta' jiftakar min min-naħa tal-Gvern kien ta din id-direzzjoni, u l-ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari l-Avukat Deborah Schembri, ma tikkwalifikax bħala direzzjoni strateġika. L-appellanti qalu li minn dan għandu jirriżulta li l-Awtorità appellata ma kinitx qiegħda timxi b'mod li huwa konformi mal-liġi, u dan għaliex dan it-trasferiment seta' jsir biss mill-Gvern permezz ta' riżoluzzjoni parlamentari jew billi tinħareġ sejħa pubblika għall-art, jew inkella billi t-talba għall-konċessjoni tiġi kkonsidrata u deċiża mill-Awtorità appellata waħedha, u mhux billi tobdi ordni tal-Gvern.

26. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-appellata waslet għal ftehim mal-FKNK għal għanijiet mhux xierqa, u abbażi ta' konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Qalu li l-benefiċċji li ser jirriżultaw minn din il-konċessjoni ma jistgħux jintgħarfu, partikolarment meta l-meded ta' art konċessi huma daqshekk massiċċi u ekoloġikament sensittivi, u l-konċessjoni ngħatat lil entità li m'għandhiex *track record* tajjeb fir-rigward tar-rispett

ambjentali, u meta l-aċċess tal-pubbliku għal dawn iż-żoni ser jiġi ristrett. L-appellanti qalu li l-għan dikjarat ta' dan il-ftehim kien li jiġi regolarizzat ftehim li sar mal-ex-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici fis-snin tmenin. Qalu li minkejja li saret insistenza fuq dan il-ftehim, liema ftehim ġie kkonfermat mill-Professur Guido de Marco meta dan kien Viċi Prim Ministru, ma ġew prodotti l-ebda dokumenti oriġinali jew ċari f'dan ir-rigward, u l-uniċi dokumenti li nġabu bħala prova in sostenn ta' dan l-allegat ftehim, huma kopja ta' stqarrija għall-istampa tal-FKNK u kopja ta' dokument ieħor, li għalkemm jidher li huwa ffirmat mill-Professur de Marco, għandu kliem ingassati u firma li ma tingħarafx. L-appellanti qalu li ma ġew ippreżentati l-ebda pjanti li kienu mehmużin ma' dan l-allegat ftehim. L-appellanti qalu li t-Tribunal injora wkoll il-prova miġjuba minnhom, li d-Dipartiment tal-Artijiet stess kien stqarr li ma kien hemm l-ebda forma ta' ftehim, konċessjoni, kirja, ċens, titlu, *encroachment,* pussess, tolleranza, *management* servizzi jew konsulenzi bejn l-FKNK mad-Dipartiment tal-Artijiet. L-appellanti qalu li ladarba l-Awtorità stess ammettiet li ma kien hemm l-ebda ftehim jew arranġament bħal dan, ma kien hemm l-ebda ħtieġa u/jew neċessità jiġi formalizzat xi ftehim. L-appellanti qalu wkoll li t-Tribunal ma ta l-ebda piż lill-fatt li l-FKNK ma ġġestietx il-Miżieb u l-Aħrax b'mod ambjentalment sostenibbli, u li din saħansitra talbet għall-prosekuzzjoni ta' membru tal-pubbliku li kien il-Miżieb. F'dan ir-rigward l-appellanti għamlu riferiment għall-*affidavit* tal-Avukat Claire Bonello, li fix-xhieda tagħha għamlet riferiment għal istanzi fejn per eżempju l-FKNK kienet ippreżentat kwerela kontra membru tal-pubbliku għaliex allegaw li dan kien daħal fi ħwejjiġhom, ma ngħata l-ebda rendikont tax-xogħol li twettaq mill-FKNK, ġie esebit rapport dettaljat ta' strutturi illegali fil-Miżieb, ġie esebit rapport dwar 'ċimiterju' ta' tajr

protett fil-Miżieb, u rapporti oħra dwar telqa u żdingar fil-Miżieb u l-preżenza ta' skratac tossiċi li tħallew fis-siti. L-appellanti qalu li mix-xhieda tal-Avukat Claire Bonello jirriżulta li l-istaġun tal-kaċċa jkopri madwar disa' xhur fis-sena, u għalhekk il-pubbliku ser jisfa mċaħħad mid-dritt li jgawdi l-kampanja tul dan iż-żmien kollu. L-appellanti qalu li jirriżulta wkoll li ż-żoni ddedikati għall-*picnics* huma ristretti ferm meta mqabbla mal-bqija tas-siti li ngħataw l-FKNK. Qalu wkoll li l-mogħdijiet pubbliċi lanqas biss ġew indikati b'tabelli. L-appellanti qalu wkoll li ma kienx hemm għarbil profond dwar l-għażla tal-FKNK biex tiġġestixxi dawn is-siti. Qalu wkoll li l-*Memorandum of Understanding* li ġie ffirmat bejn l-FKNK u l-ERA, huwa vag u ma jipprovdix dettalji dwar kif ser jitwettaq in-*Natura 2000 Management Plan*, u li dan il-pjan mhuwiex eżegwibbli. L-appellanti qalu li anki l-fatt li dawn il-meded massiċċi ta' art ġew mgħoddija lil entità waħda b'korrispettiv ta' €400 fis-sena, juri kif din hija konċessjoni arbitrarju, li mhijiex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet xierqa. L-appellanti qalu li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra dan il-korrispettiv kemm hu sproporzjonat, u għalhekk l-għoti ta' din l-art lil entità waħda, hija mingħajr konsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tal-ambjent, tal-prinċipji ta' sostenibbilità, ta' ġustizzja soċjali jew ta' sens ekonomiku.

27. Fit-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontendu li t-Tribunal ma tax konsiderazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' konformità tal-ftehim mal-liġijiet u konvenzjonijiet għall-ħarsien taż-żoni kostali u tal-ambjent ta' dawn iż-żoni. Qalu li ż-żoni tal-Aħrax u l-Qammiegħ huma Żoni Kostali kif murija fil-Pjan Strateġiku għal Ambjent u l-Iżvilupp (SPED). Qalu li dan il-Pjan Strateġiku jipprovdi l-qafas u d-direzzjoni mandatorja dwar l-użu u l-ġestjoni tal-art u l-ibħra fit-territorju Malti, li huma soġġetti għall-Protokoll fuq il-Ġestjoni

Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, li ġie ratifikat minn Malta u mill-Unjoni Ewropea. Qalu li dan ifisser li l-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea jridu jaderixxu mal-Protokoll fuq il-Ħarsien taż-Żoni Kostali. L-appellanti jikkontendu li l-Awtorità appellata naqset milli tirrispetta l-għanijiet u l-oġġettivi tal-istess Protokoll. Qalu wkoll li t-Tribunal ikkonkluda li l-liġijiet u l-konvenzjonijiet ambjentali ser jiġu rispettati għaliex ġie ffirmat il-*Memorandum of Understanding* surreferit, iżda t-Tribunal injora l-fatt li l-MoU mhux eżegwibbli u m'hemmx penali jew sanzjonijiet previsti f'każ ta' nuqqas ta' aderenza mad-disposizzjonijiet tiegħu, u l-konċessjoni tibqa' fis-seħħ. L-appellanti għamlu riferiment għax-xhieda tal-Perit Michelle Piccinino, li qalet li ma teżisti l-ebda pjanta tal-mogħdijiet li suppost li jinżammu pubbliċi, u minn dan ikkonkludew li l-MoU ma jistax jiġi inforzat.

28. L-appellanti ċċitaw estensivament mill-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni, u qalu li ċerti obbligazzjonijiet kellhom jiġu osservati qabel ma ingħatat il-konċessjoni lill-FKNK, u għamlu enfasi partikolari fuq il-klawsola 6b tal-Protokoll, li tgħid li jeħtieġ li jkun hemm il-parteċipazzjoni adegwata tal-pubbliku f'punt bikri meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar din iż-żona, sabiex dawn jittieħdu b'mod trasparenti. L-appellanti qalu li l-Awtorità appellata ma ressqet l-ebda prova tal-konsultazzjoni li saret mal-pubbliku. L-appellanti kkonkludew ir-rikors tal-appell tagħhom, billi qalu li ma saru l-ebda studji kif meħtieġa mill-Protokoll, u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet li kienu ser jiġu awtorizzati f'dawn iż-żoni, bi ksur tal-istess Protokoll, liema nuqqas ġie skartat mit-Tribunal.

**Ir-Risposta tal-Appell**

29. Fir-risposta tagħha l-appellata qalet li hija qegħda żżomm ferm mas-sottomissjonijiet tagħha li saru bil-miktub quddiem it-Tribunal, u għalhekk qegħda titlob li dawn is-sottomissjonijiet jiġu kkonsidrati minn din il-Qorti. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanti, l-Awtorità appellata qalet li l-l-proċedura li tiġi adottata f'każijiet ta' trasferiment, hija dejjem dik elenkata fl-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Kompliet tgħid li l-ftehim fil-fatt sar *ai termini* tal-artikolu 31(g)(E)(x), u dan għaliex l-art ingħatat għal raġunijiet kulturali u soċjali. L-appellata qalet li l-artikolu 31 jipprovdi għal diversi modi ta' trasferiment, mhux biss permezz ta' riżoluzzjoni parlamentari jew b'sejħa għall-offerti kif jippretendu l-appellanti. Qalet li hija dejjem iddikjarat u rritjeniet li l-ftehim odjern sar *ai termini* tal-artikolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa ta' ebda riżoluzzjoni parlamentari jew ta' xi sejħa għall-offerti kif isostnu l-appellanti. Qalet ukoll li mhux minnu li jingħad li f'dan il-każ il-Gvern impona li jsir dan il-ftehim. Spjegat li mill-provi jirriżulta li anki jekk ix-xewqa tal-Gvern bħala sid l-art kienet li l-pożizzjoni dwar dawn l-artijiet tiġi regolarizzata, id-deċiżjoni aħħarija kienet tal-Awtorità appellata, wara s-solitu proċess. Qalet li dan il-proċess ta' formalizzazzjoni nbeda wara talba bil-miktub li saret mill-FKNK fl-2014, u li sussegwentement ġiet eżaminata mill-uffiċjali rispettivi tal-appellata, kif spjegat minn Dr Marisa Grech. Qalet ukoll li din it-talba ħadet diversi snin biex ġiet finalment deċiża mill-Bord tal-Gvernaturi. L-appellata għamlet riferiment għax-xhieda ta' James Piscopo, li qal li l-proċess kollu skatta wara talba li saret, u ġie ppruvat li d-direzzjoni governattiva ngħatat wara t-talba. L-appellata qalet ukoll li d-direzzjoni li ngħatat lilha kienet fuq linja differenti, għaliex dik id-direttiva kienet titkellem dwar konċessjoni

*b'encroachment.* Qalet ukoll li d-direzzjoni politika li rrefera għaliha Piscopo kienet biss sabiex isiru diskussjonijiet mal-FKNK u mhux rigward it-trasferiment tal-art, u din id-direzzjoni sabiex jinbdew id-diskussjonijiet ngħatat ferm wara t-talba tal-FKNK fl-2014. L-Awtorità appellata qalet li għalhekk, kuntrarjament għall-impressjoni li jippruvaw jagħtu l-appellanti, il-proċess la skatta u lanqas ma kien determinat minn tali direzzjoni politika. Qalet ukoll li lanqas ma kien hemm xi nuqqas fir-rigward tal-korrispettiv nominali, tal-pjanti jew tal-provvista tal-ħaddiema mill-Ministeru, u l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573 ma jistipula l-ebda rekwiżit, għajr li l-art tingħata għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali. L-Awtorità appellata qalet li ma kien hemm xejn irregolari fil-mod kif ġew determinati dawn il-fatturi, inkluż il-korrispettiv dovut, u li l-fatt li l-Gvern ta xi forma ta' direzzjoni, ma jwassal għall-ebda irregolarità jew għall-konklużjoni li kien hemm xi allokazzjoni diretta mill-Gvern. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li l-proċess amministrattiv li sar kien proċeduralment korrett.

30. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellata qalet li dan l-aggravju jidher li jirrelata b'mod dirett ma' aggravju ieħor fir-rikors promutur, jiġifieri dak dwar il-konsiderazzjonijiet li saru minnha, u jekk dawn kinux raġonevoli, għaliex l-appellanti ma setgħux jagħrfu l-benefiċċji li joħorġu mill-istess konċessjoni. L-appellata qalet li l-appellanti qatt ma kkontestaw il-validità tad-dokumenti miġjuba bħala prova, u ċjoé il-*press release* tal-11 t'April, 1986 u l-ittra tat-3 ta' Ottubru, 1989 '*endorsed*' mill-ex-Viċi-Prim Ministru Prof Guido de Marco. L-appellata qalet li huwa biss issa li l-appellanti qegħdin jgħidu li hija ma kellhiex għalfejn tifformalizza dan il-ftehim, u hija ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament għalilex il-konsiderazzjoni prinċipali tagħha kienet l-aħjar

amministrazzjoni tal-art li kienet ilha fil-pussess tal-FKNK mis-snin tmenin. L-appellata qalet li dan jirriżulta mill-assigurazzjoni li tat l-FKNK li ser ikun hemm pjan għall-immaniġġjar ħolistiku tas-sit, u li ser ikun hemm żoni ta' rikreazzjoni għall-pubbliku. Qalet li meta tiġi kkunsidrata l-aħjar amministrazzjoni tal-art, wieħed jirrealizza li n-nuqqas ta' ftehim formali jista' jkun aktar perikoluż, għaliex permezz ta' dan il-ftehim formali saret sistema strutturata anke ta' responsabbilità, u b'hekk qiegħed jitnaqqas il-lok għall-abbuż u l-illegalitajiet fuq dawn is-siti.

31. L-Awtorità appellata għamlet riferiment għall-istanzi speċifiċi li ssemmew minn Dr Claire Bonello fl-*affidavit* tagħha, u qalet li l-fatt li jirriżulta li kien hemm membru tal-pubbliku li twaqqaf milli jaċċedi f'wieħed mis-siti, ma jirrelatax mal-mod kif l-FKNK iġġestiet dawn is-siti fis-snin preċedenti għal dan il-ftehim. Qalet ukoll li mhux minnu li l-FKNK ma tat l-ebda rendikont tal-mod kif immaniġġjat is-siti tul is-snin, fosthom billi anki sar xogħol ta' riġenerazzjoni wara nirien f'dawn is-siti. B'riferiment għar-rapport li sar li kien hemm xi strutturi illegali fil-Miżieb, l-appellata qalet li ma nġabet l-ebda prova li dawn l-illegalitajiet ġew kommessi minn xi membru tal-FKNK, u fi kwalunkwe każ huwa fir-rigward ta' materji bħal dawn li l-ftehim ikkontestat huwa meħtieġ. L-appellata qalet li r-rapporti l-oħra dwar il-fatt li nstab għadd ta' tajr protett mejjet fil-Miżieb, rapporti ta' telqa u żdingar fil-Miżieb u l-preżenza ta' skrataċ tossiċi fis-sena 2020, imorru lil hinn mill-kwistjoni odjerna, u baqgħet nieqsa l-prova li dawn l-illegalitajiet saru minn membri tal-FKNK. L-appellata qalet ukoll li l-aċċess għal dawn l-inħawi kien diġà ristrett qabel ma ġie ffirmat dan il-ftehim, u bl-iffirmar tal-ftehim instab bilanċ għat-tgawdija ta' dawn is-siti mill-FKNK u mill-pubbliku in ġenerali. L-appellata ċaħdet li f'dan il-każ kien hemm

nuqqas fil-proċess ta' għarbiel tal-għażla tal-FKNK biex tiġġestixxi s-siti kif allegat, u għandu jirriżulta mill-provi li hija għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti, inkluż in-natura tas-siti in kwistjoni. Qalet ukoll li l-MoU ffirmat bejn l-ERA u l-FKNK mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri, stante li dan ma jikkostitwixxix xi deċiżjoni jew att da parti tal-Awtorità, u fil-fatt hija ma kinitx firmatarja fuq l-istess MoU. L-appellata qalet ukoll li hija taqbel mat-Tribunal li l-korrispettiv li għandu jitħallas, għandu jitqies fil-kuntest tal-obbligi imposti fuq l-FKNK, u mhuwiex minnu li dawn l-obbligi ma jistgħux jiġu inforzati. Qalet li n-nuqqas ta' aderenza ma' dawn l-obbligi jista' saħansitra jwassal għat-terminazzjoni tal-ftehim.

32. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-appellata qalet li filwaqt li l-appellanti jallegaw li t-Tribunal straħ biss fuq il-*Memorandum of Understanding,* dan mhux il-każ, għaliex minn qari tad-deċiżjoni jirriżulta li t-Tribunal beda billi kkonsidra l-*management plans* ippreparati għas-siti rispettivi. Qalet li l-proċeduri quddiem it-Tribunal huma ta' natura ta' reviżjoni amministrattiva, li bl-ebda mod m'għandha tekwivali għal xi proċeduri ċivili jew kostituzzjonali kontra l-Istat, jew fir-rigward tal-obbligi internazzjonali tal-Istat. L-appellata qalet li minkejja dan, l-appellanti ma ppruvawx kif hija naqset milli tirrispetta l-għanijiet u l-oġġettivi tal-imsemmi protokoll u l-liġijiet minnhom ċitati. Qalet li l-ftehim ta' *management and operation* ma jheddidx il-kosta, u jekk xejn jippromwovi l-protezzjoni tagħha. Qalet li l-ftehim irregolarizza sitwazzjoni li kienet ilha tippersisti mingħajr l-ebda formalità mis-snin tmenin, sabiex issa hemm struttura formali għall-immaniġġjar tas-siti. L-Awtorità qalet li l-ftehim huwa maħsub biex jirregola l-ġestjoni u l-operat tas-siti, u bl-ebda mod ma jippreġudika l-proċessi elenkati fil-konvenzjoni u/jew il-protokoll imsemmija. L-

appellata qalet li l-appellanti naqsu milli juru b'liema mod hija naqset milli tirrispetta l-għanijiet u l-oġġettivi tal-istess protokoll, u bil-ftehim in kwistjoni ma ġewx proposti attivitajiet jew miżuri li ser jaffettwaw l-ambjent bil-mod li jridu jirregolaw il-konvenzjonijiet u l-liġijiet ċitati mill-appellanti. L-appellati qalu li t-Tribunal kien korrett meta sab li ma kien hemm l-ebda nuqqas amministrattiv da parti tagħha, u dan jirriżulta wkoll mill-fatt li l-ftehim jimponi fuq l-FKNK il-ħtieġa li ġġib il-permessi neċessarji fejn meħtieġ. L-appellata qalet ukoll li jekk l-FKNK jonqos li jġib il-permessi meħtieġa, u għalhekk f'każ li ma jiġix segwit l-MoU, dan jista' jġib it-terminazzjoni tal-ftehim dwar il-*Management and Operation* tas-siti, u għalhekk mhux minnu li l-MoU mhux eżegwibbli. Qalet ukoll li kwalunkwe riferiment għan-nuqqas ta' pjanti mal-MoU m'għandux jiċċentra fil-proċeduri odjerni, għaliex hija ma kellha l-ebda sehem fl-istess MoU. B'riferiment għall-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran, l-appellata qalet li dan il-protokoll ma japplikax fil-każ ta' trasferiment jew assenjazzjoni ta' xi dritt, ikun liema jkun, iżda jipprovdi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-mod kif għandhom jitħarsu ż-żoni kostali. L-appellata qalet ukoll li hija mhijiex l-Awtorità kompetenti sabiex twettaq il-funzjonijiet u l-obbligi imposti fuq l-Istat taħt dan il-Protokoll. L-Awtorità appellata kkonkludiet ir-risposta tagħha għar-rikors tal-appell billi qalet li ladarba ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tagħha, għandu jirriżulta li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

33. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu in konsiderazzjoni s-

sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha. Bħala riassunt, għandu jingħad li l-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew wara li diversi għaqdiet li jaħdmu fil-qasam ambjentali u soċjali talbu lill-istess Tribunal jagħmel stħarriġ ġudizzjarju dwar ftehim li ntlaħaq bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK fid-9 ta' Ottubru, 2020. L-ilment ewlieni tar-rikorrenti, hawnhekk l-appellanti, huwa li l-imsemmi ftehim mhuwiex konformi mad-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-mod kif il-Gvern permezz tal-Awtorità tal-Artijiet jista' jiddisponi minn art pubblika, u l-mod li bih sar dan it-trasferiment huwa illegali stante li huwa arbitrarju u msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa, u jikser diversi konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali li Malta hija marbuta li tosserva.

*L-ewwel Aggravju:* *dwar jekk il-mod li bih sar it-trasferiment jissodisfax id-disposizzjonijiet tal-liġi*

34. L-appellanti jsostnu li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li it-trasferiment ta' meded konsiderevoli ta' art fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa u l-Miżieb, kien wieħed regolari u skont dak li jipprovdi l-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti qalu li f'dan il-każ la kien hemm talba għal sejħa għall-offerti, la nħareġ avviż pubbliku għat-trasferiment ta' din l-art b'irkant, u lanqas ma kien hemm riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tipprovdi għall-għoti tas-siti lill-FKNK b'xi titolu li jkun. L-appellanti jisħqu li f'dan il-każ kien hemm trasferiment b'mod dirett tas-siti, u għaldaqstant l-uniku mod kif dawn is-siti setgħu jiġu trasferiti kien permezz ta' riżoluzzjoni parlamentari. Qalu wkoll li f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ebda direzzjoni ministerjali, u l-Eżekuttiv ma setax jimponi li jsir trasferiment bil-mod kif sar. L-

appellanti saħqu li kien hemm ċirkostanzi oħra bħall-korrispettiv li l-FKNK qegħda tintalab tħallas għall-użu ta’ dawn is-siti, li jista’ jitqies li huwa korrispettiv nominali ħafna meta wieħed jikkonsidra l-kobor tas-siti, kif ukoll il-fatt li l-ftehim ma jinkludi l-ebda pjanta taż-żona li ġiet konċessa lill-FKNK u liema hija ż-żona li ser titħalla għall-użu tal-pubbliku, liema ċirkostanzi jindikaw li l-għotja ta’ din l-art saret b’mod arbitrarju u wara li kien hemm impożizzjoni min-naħa ta’ xi organu tal-Eżekuttiv.

35. L-Awtorità tal-Artijiet tilqa’ għal dan billi tgħid li dan it-trasferiment jinkwadra ruħhu taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta’ Malta, u f’dan il-każ ma kien hemm il-ħtieġa tal-ebda riżoluzzjoni parlamentari jew sejħa għall-offerti, filwaqt li ċaħdet li kien hemm xi forma ta’ impożizzjoni da parti tal-Eżekuttiv sabiex din l-art tiġi konċessa lill-FKNK. Qalet li t-talba għall-konċessjoni ta’ din l-art ilha li saritilha mill-2014, u bosta snin qabel kien hemm l-approvazzjoni ta’ amministrazzjonijiet differenti li mexxew lil dan il-pajjiż, li din l-art kellha tingħata lill-FKNK, u hija ħadet diversi snin qabel il-proċess ġie fi tmiemu bil-formalizazzjoni tal-ftehim propost mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità. Qalet ukoll li f’dan il-każ ma kien hemm l-ebda irregolarità jew xi forma ta’ allokazzjoni diretta mill-Gvern, u għalhekk it-trasferiment jista’ jitqies li huwa wieħed regolari.

36. M’għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-konċessjoni tal-art mertu ta’ dawn il-proċeduri mill-Awtorità tal-Artijiet lill-FKNK, tammonta għal ‘trasferiment’ *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn it-tifsira ta’ ‘trasferiment’ tinkludi -

> "(a) kull kirja jew *encroachment* jew **jedd ieħor ta' użu** kif ukoll l-għoti ta' **kull jedd reali jew personali** f'xi art jew fuqha".[1]

37. Fis-sentenza tiegħu, it-Tribunal qies li l-Awtorità appellata kkonċediet lill-FKNK dritt personali għall-immaniġġjar u l-operat tas-siti, u l-Awtorità setgħet tidħol fi ftehim bħal dan mingħajr il-ħtieġa li tosserva rekwiżiti proċedurali oħra, u dan ladarba permezz ta' dan il-ftehim ma ġie trasferit l-ebda dritt reali lill-FKNK. Fl-istess parti tas-sentenza, it-Tribunal implika li kieku ngħata xi dritt reali fuq is-sit, l-Awtorità intimata kien ikollha tapplika proċess differenti minn dak li ġie applikat fil-każ odjern. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li din il-konklużjoni tat-Tribunal ma ssib l-ebda bażi f'dak li tgħid il-liġi, speċifikament fl-artikolu 31 tal-Kap. 573, liema artikolu jipprovdi dwar il-metodi kollha kif l-Awtorità tal-Artijiet tista' tittrasferixxi art pubblika f'diversi ċirkostanzi partikolari. Hekk per eżempju, dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi għall-għoti ta' art pubblika b'titolu ta' *encroachment* għal żmien temporanju u speċifiku. L-għoti ta' art pubblika b'*encroachment* huwa fost l-aktar titoli prekarji li jistgħu jiġu konċessi mill-Awtorità tal-Artijiet, fejn l-Awtorità żżomm il-jedd li tirtira l-permess li tkun tat għall-okkupazzjoni ta' art pubblika f'temp qasir ta' żmien, anki bi pre-avviż ta' ftit sigħat biss. Il-liġi taħseb biex tirregola t-trasferiment ta' proprjetà pubblika b'titolu ta' bejgħ, b'titolu ta' enfitewsi temporanja, jew b'titolu ta' kera, jew b'titolu ta' tpartit jew permuta.

38. L-Awtorità appellata ssostni li f'dan il-każ hija kkonediet is-siti lill-FKNK taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573, li jgħid:

---

[1] Enfasi tal-Qorti.

> "31. Ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern, ma tista' tiġi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skont xi waħda mid-disposizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:
>
> (g) skont waħda mill-forom li ġejjin:
>
> (E) art tal-Gvern tista' tingħata b'kiri:
>
> (x) jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali;
>
> B'dan illi l-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien tagħti l-jedd biex il-kerrej jissulloka jew iċedi l-kirja tiegħu favur terzi."

39. Dak li kellu jistħarreġ dwaru t-Tribunal kien għalhekk jekk il-ftehim in kwistjoni jikkwalifikax bħala 'kirja', u jekk din il-'kirja' ngħatatx lill-FKNK għall-iskopijiet maħsuba taħt is-sub-inċiż (g)(E)(x) tal-artikolu 31 tal-Kap. 573, jiġifieri jekk il-'kirja' saritx għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali. Jekk xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti ma jirriżultax, il-ftehim in kwistjoni għandu jitqies li huwa null u mingħajr ebda effett fil-liġi *ab initio*. Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni li għamel it-Tribunal, li d-dibattitu f'pajjiżna dwar jekk il-kaċċa u l-insib jistgħux jiġu kklassifikati bħala attivitajiet kulturali u soċjali huwa wieħed 'jaħraq', u huwa għalhekk li l-Awtorità tal-Artijiet kienet mistennija li tagħmel eżami mill-aktar rigoruż dwar jekk fil-każ odjern is-siti in kwistjoni setgħux, jew kellhomx jingħataw lill-FKNK taħt din id-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti tosserva wkoll li l-proċeduri odjerni huma bejn min-naħa l-waħda l-għaqdiet ambjentali li huma l-appellanti f'din l-istanza, u l-appellata Awtorità tal-Artijiet, u għalhekk l-FKNK ma kinitx parti f'dawn il-proċeduri, għalkemm taw ix-xhieda tagħhom il-Kap Eżekuttiv tagħha Lino Farrugia, u rappreżentant tagħha Lucas Micallef.

40. Din il-Qorti għalhekk tqis li fl-ewwel lok it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk il-ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK jistax jiġi kklassifikat bħala 'kirja', sabiex qabel ma jiġi eżaminat jekk l-FKNK tistax titqies li taqdi funzjonijiet soċjali jew kulturali, jiġi stabbilit jekk l-Awtorità tal-Artijiet kinitx korretta tipproponi l-istrument legali, li ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tagħha, sabiex isir it-trasferiment odjern. Il-Qorti tgħid dan, għaliex il-ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru, 2020, bejn min-naħa l-waħda l-Awtorità tal-Artijiet, u l-FKNK fuq in-naħa l-oħra, huwa *'Agreement on Management and Operation of the Miżieb and Aħrax Areas',* u sussegwentement jirreferi għall-FKNK bħala l-"*Guardian*" tas-siti. Din il-Qorti tirrileva li la l-korrispondenza u l-komunikazzjonijiet li kien hemm preċedentement għall-iffirmar ta' dan il-ftehim, u lanqas id-direzzjoni li ngħatat mis-Segretarju Parlamentari Deborah Schembri, ma imponew jew stipulaw liema forma legali għandha tintuża biex dak li kien ilu jiġi diskuss bejn amministrazzjonijiet differenti u l-FKNK, jiġi fformalizzat. Dak li kien meħtieġ però huwa li l-istrument legali li permezz tiegħu kellu jsir il-ftehim, kif approvat mill-Awtorità tal-Artijiet, ikun konformi mad-disposizzjonijiet tal-liġi, partikolarment ladarba l-Awtorità appellata ħadet id-deċiżjoni li ma tinnotifikax lill-pubbliku bil-ħsieb tagħha li tikkonċedi is-siti lill-FKNK, kif kien iseħħ li kieku t-trasferiment sar wara l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti, b'avviż għat-trasferiment b'irkant jew permezz ta' riżoluzzjoni parlamentari.

41. L-istrument legali li permezz tiegħu is-siti għaddew lill-FKNK, jitkellem dwar '*Guardian*', dwar il-fatt illi "*the Site may be managed professionally by the Guardian", "the Grantor grants unto the Guardian, the management and operation of the Site … and the Guardian accepts the said grant",* u l-klawsola 5.2 tal-Ftehim li tgħid li, *"[t]he Parties agree that the Guardian shall be*

*responsible for the operations of the Site and associated facilities at its own cost and expense in accordance with the Standards of a Reasonable and Prudent Guardian".* Fil-ftehim hemm ukoll klawsoli oħrajn simili, fejn it-terminoloġija wżata ripetutament tirreferi għal kuratur u għal att ta' kurazija. Taħt il-liġi Maltija, att ta' kurazija jista' jingħata taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent), li jistipula li l-kurazija għandha ssir permezz ta' att pubbliku, u wara li jkun hemm approvazzjoni mill-Ministru responsabbli għall-artijiet. Huwa f'dan is-sens li l-appellanti qegħdin jgħidu li f'dan il-każ kellha tiġi approvata riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati qabel seta' jiġi ffirmat dan il-ftehim li permezz tiegħu art pubblika tgħaddi għand xi organizzazzjoni mhux governattiva. Dak li għamlet l-Awtorità tal-Artijiet f'dan il-każ, kien li resqet għall-iffirmar ta' ftehim li fis-sustanza tiegħu m'huwa xejn għajr att ta' kurazija, inkluż it-tip ta' termini, klawsoli u obbligi li ġew adottati fih, mingħajr iżda ma ġew osservati l-formalitajiet rikjesti mil-liġi sabiex seta' jiġi ffirmat ftehim bħal dan. L-artikolu 70A(1) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula b'liema mod tista' tingħata kurazija mill-Gvern u kif għandu jsir att ta' kurazija:

> "Il-Ministru jista', bl-approvazzjoni mogħtija minn qabel bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-artijiet, jagħmel permezz ta' att pubbliku, att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva li bih il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli tiġi mgħoddija għal għand il-kunsill lokali jew organizzazzjoni mhux governattiva, skont il-każ, sabiex tkun tista' tintuża biex tiżgura għan ambjentali bħalma huma dawk imsemmija fl-artikolu 4, u skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti u skont dawk il-kondizzjonijiet mhux inkonsistenti magħhom li jistgħu jiġu inklużi f'dak l-att. L-att ta' kurazija għandu jiddikjara għal kemm żmien ikun qiegħed isir wara li jiġu kkonsidrati bir-reqqa l-possibilità li dan jiġi attwat u l-iskala ta' kull proposta."

42. Il-Qorti tqis illi sabiex tingħata l-kurazija tas-siti lill-organizzazzjoni mhux governattiva in kwistjoni, dan kellu jsir permezz ta' att pubbliku bejn il-Ministru responsabbli għall-ambjent u l-FKNK, wara li tkun ingħatat minn qabel l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru responsabbli mill-artijiet. Din il-Qorti tqis li l-uniċi modi kif l-Awtorità tal-Artijiet setgħet tikkonċedi is-siti lill-FKNK kien b'titolu ta' *encroachment,* jew inkella permezz ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, la darba l-ftehim ma jistax jitqies bħala kirja, u allura mhuwiex applikabbli is-sub-inċiż (g)(E)(x) tal-artikolu 31 tal-Kap. 573.

43. Din il-Qorti tqis li l-formalitajiet preskritti mil-liġi fir-rigward ta' trasferimenti ta' artijiet pubbliċi, minnhom infushom huma maħsuba sabiex jiżguraw aktar kontabbilità u trasparenza, u jservu biex tingħata aktar informazzjoni lill-pubbliku, ħalli jkun jista' jsir skrutinju aħjar ta' tali trasferimenti mir-rappreżentanti parlamentari u mill-opinjoni pubblika. Il-Qorti tqis li l-iskop ta' dawn il-formalitajiet preskritti mil-liġi mhuwiex biss wieħed formalistiku, imma dawn għandhom ukoll effetti sostantivi. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern, it-trasferiment ta' meded estensivi ta' art pubblika tal-kejl komplessiv ta' miljun u nofs metru kwadru (1,500,000 m.k.) ġie ffirmat fil-magħluq mingħajr il-preżenza tal-mezzi tal-istampa, u sar permezz ta' skrittura privata u mhux b'att pubbliku kif tippreskrivi l-liġi, mingħajr ebda sejħa pubblika, u mingħajr ebda konsultazzjoni pubblika jew dibattitu parlamentari. Il-ftehim ta' *'guardianship'* kif kellu jsir permezz ta' att pubbliku bil-mod kif trid il-liġi, bil-pjanti dettaljati annessi, u biż-żoni li kellhom jitħallew għall-użu tal-pubbliku ben definiti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, u tiddeċiedi li l-mod li bih sar it-trasferiment tas-siti in kwistjoni lill-FKNK permezz ta' skrittura privata, jmur

kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 549 u tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-artikolu 31 tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis li l-ftehim in kwistjoni huwa null u bla effett.

44. In vista ta' dak li qegħda tiddeċiedi din il-Qorti dwar in-nullità *ab initio* tal-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti ma tarax li hemm lok għalfejn telabora wisq dwar l-aggravji l-oħra sollevati mill-appellanti. Imma saru xi sottomissjonijiet mill-partijiet li l-Qorti hija tal-fehma li għandhom jiġu indirizzati. L-appellanti jsostnu fit-tieni aggravju tagħhom, li l-Awtorità appellata waslet għal ftehim mal-FKNK għal għanijiet mhux xierqa u abbażi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti. In vista tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti li l-istrument legali li ntuża biex ġie konkluż il-ftehim mal-FKNK ma kienx dak preskritt mil-liġi, u għalhekk l-Awtorità appellata ma kelliex tersaq għall-iffirmar tal-ftehim bil-mod kif sar, il-Qorti tqis li m'għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra tal-appellanti, dwar fost l-oħrajn it-*track record* tal-FKNK fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent. Il-Qorti tfakkar li l-FKNK ma kinitx parti f'dawn il-proċeduri, u għalhekk kwalsiasi prova li setgħet tressqet mill-appellanti u l-allegazzjonijiet li saru dwar l-imġiba ta' persuni li jiffrekwentaw is-siti, u li mhumiex neċessarjament membri tal-FKNK, bl-ebda mod m'għandha tinfluwixxi fuq id-deċiżjoni li trid tittieħed dwar il-validità o meno tal-ftehim impunjat. It-tielet aggravju tal-appellanti huwa dwar il-fatt li t-Tribunal injora l-obbligi li Malta għandha taħt il-konvenzjonijiet internazzjonali li hija firmatarja tagħhom fil-qasam tal-ambjent u tal-ħarsien taż-żoni kostali. In vista tal-fatt li l-Qorti qegħda tiddeċiedi li l-ftehim in kwistjoni huwa null stante li ma sarx permezz ta' att pubbliku u ma segwix il-formalitajiet stabbiliti mil-liġi, u

għalhekk mhuwiex konformi mad-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-modalità kif jista' jsir att ta' kurazija, u lanqas m'huwa konformi mal-mod kif jista' jsir trasferiment ta' art pubblika, il-Qorti tqis li m'għandhiex għalfejn telabora aktar dwar dawn l-aggravji, u tastjeni għalhekk milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell imressaq mill-appellanti billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-oħra tagħhom;**
2. **Tħassar is-sentenza appellata, u tiddeċiedi li l-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti tad-9 ta' Ottubru, 2020, huwa null u bla effett, stante li ma sarx skont il-formalitajiet preskritti mil-liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u l-ispejjeż ta' dan l-appell, għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**